# nifs ġdid nifs nadif




# IL-MANIFEST

© 2002

# Kontenut


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | 3 |
| Agrikultura | 5 |
| Drittijiet ta' l-annimali | 7 |
| Anzjani | 9 |
| Awtorita` ta' l-Ippjanar | 11 |
| Demokrazija | 12 |
| Diżabilita` | 15 |
| Droga u alkoħol | 17 |
| Edukazzjoni | 19 |
| Ekonomija | 26 |
| Enerġija | 30 |
| Faċilita` Korrettiva | 33 |
| Familja | 35 |
| Flora u fawna | 40 |
| Għawdex | 41 |
| Ġustizzja | 42 |
| Housing | 44 |
| Komunikazzjoni | 45 |
| Konsumaturi | 47 |
| Kultura | 49 |
| Kunsilli Lokali | 55 |
| Nisa | 57 |
| Orjentazzjoni sesswali | 58 |
| Paċi | 59 |
| Politika fiskali | 63 |
| Pulizija | 66 |
| Relazzjonijiet Industrijali | 67 |
| Rifuġjati | 69 |
| Saħħa | 70 |
| Sajd | 76 |
| Skart | 77 |
| Turiżmu | 80 |
| Trasport | 82 |
| Unjoni Ewropea | 85 |

## Introduzzjoni

Alternattiva Demokratika - The Green Party - taħdem favur żvilupp sostenibbli, soċjeta` demokratika, ġustizzja soċjali u favur it-tisħiħ tad-drittijiet ċivili. Malta hi l-uniku pajjiż fil-kontinent Ewropew kollu fejn fil-Parlament hemm biss żewġ partiti. Il-preżenza tagħna fil-Parlament, wara l-elezzjoni li jmiss, ser tnaqqas il-pika li ħonqot l-iżvilupp demokratiku ta' dan il-pajjiż.

Niffurmaw parti mill-familja tal-Partiti Ħodor fl-Ewropa. U fil-bqija tad-dinja, flimkien mal-Partiti Ħodor l-oħra, naħdmu għat-tisħiħ tad-demokrazija u l-ġustizzja. Bħala partit b'viżjoni internazzjonali nappoġġjaw il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea li fih Malta għandha tkun protagonista.

Naħdmu biex intejbu l-kwalita` tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin. Nemmnu, iżda, li l-kwalita` tal-ħajja ma titkejjilx biss mill-kumdita` finanzjarja, iżda wkoll, u b'mod partikolari, mill-livell ta' saħħa fiżika u mentali ta' kull persuna. Biex is-saħħa ta' kulħadd tkun aktar imħarsa jeħtieġ li jkollna kontroll effettiv fuq il-kwalita` ta' l-arja, ta' l-ilma u ta' l-ikel li nieklu. L-ambjent tax-xogħol għandu jkun ħieles minn kull periklu. Jeħtieġ ukoll li kull individwu jkollu spazju xieraq u bi dritt għar-rikreazzjoni u l-ħin ħieles.

Nemmnu li kulħadd; nisa, rġiel, żgħażagħ u anzjani, u nies ta' kull twemmin, klassi soċjali, orjentazzjoni sesswali u razza, u diżabilita`, għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja demokratika tal-pajjiż. L-inklużjoni ta' kulħadd hi ċ-ċavetta għal aktar ġid u prosperita`. Għaldaqstant, il-politika soċjali u edukattiva fil-pajjiż għandha tkun immirata biex kulħadd iħossu parti mis-soċjeta` Maltija.

Dan jimplika ukoll li d-demokrazija m'għandhiex tissarraf biss b'vot ta' darba kull ħames snin iżda għandha tkun realta` li ngħixuha kuljum. Dan jista' jitwettaq permezz tal-parteċipazzjoni tas-soċjeta` ċivili u ta' l-għaqdiet mhux governattivi f'kull qasam tal-ħajja.

Nies kapaċi għandhom jitħallew jiżviluppaw u jikkontribwixxu mingħajr tfixkil. Kull min javvanza fil-ħajja għandu jagħmel dan bix-xieraq mhux bil-preferenzi. Il-professjonalita` u l-effiċjenza għandhom ikunu r-regola u mħux l-eċċezzjoni. Għaldaqstant, id-dritt għat-tagħlim u t-taħriġ effettiv, tul il-ħajja kollha, għandu jkun assigurat.

It-trasparenza u l-*accountability* għandhom ikunu l-vanġelu ta' dawk kollha f'pożizzjoni ta' poter. Dan jimplika ukoll id-dritt sagrosant għall-informazzjoni biex xejn ma jsir minn wara dahar ħadd.

Dawn li ġejjin huma l-punti pprezentati f'ordni alfabetiku, li Alternattiva Demokratika qed tpoġġi quddiem il-poplu Malti bħala programm għall-preżent u l-futur. Programm ambizjuż li ntiseġ frott il-ħidma, l-ideali u t-tiġdid li kkaratterizzaw 'l-Alternattiva Demokratika partikolarment tul dawn l-aħħar snin.

Nifs ġdid, nifs nadif.

Int… il-futur… Nistiednuk tkompli tqalleb u tixtarr …

## Agrikultura

Malta ma tistax tkompli titlef aktar art agrikola. Diġa qed nitilfu madwar żewġ kilometri kwadri ta' art agrikola fis-sena. L-agrikultura m'għandhiex titqies biss bħala ħaġa folkloristika iżda għandha titqies bħala parti integrali minn ekonomija moderna u effiċjenti. Fl-istess waqt, il-bdiewa mhumiex biss produtturi, imma wkoll gwardjani tal-pajsaġġ tipiku Malti.

1. Fid-dawl ta' dan nisħqu fuq il-bżonn ta' pjan ta' żvilupp rurali serju mfassal bil-parteċipazzjoni sħiħa ta' kull min għandu interess dirett fl-agrikultura. Dan il-pjan għandu joffri viżjoni tal-futur ta' l-agrikultura u ta' attivitajiet ekonomiċi li jorbtu magħha bħall-agro-turiżmu. Permezz ta' l-agro-turiżmu t-turisti jkunu jistgħu jżuru, jgħixu għal ftit żmien u jieklu f'żoni rurali. Dan jgħin biex jiġġenera industriji żgħar oħra bħall-artiġjanat u anki jgħin biex jinħoloq suq għal prodotti tradizzjonali Għawdxin u Maltin.

2. Għandu jingħata taħriġ u għajnuna lill-bdiewa biex dawn jibdew jużaw metodi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u lill-bniedem. Dawn il-metodi jinkludu l-biedja organika u metodi li jinvolvu anqas użu ta' bexx u pestiċidi. Dawn il-metodi għandhom jiffurmaw parti integrali mill-kurrikulu tal-korsijiet post sekondarji dwar il-biedja.

3. Għandu jkun hemm skrutinju serju u effettiv fuq l-użu ta' pestiċidi u sustanzi tossiċi oħra.

4. Malta għandha tkun dikjarata żona ħielsa mit-tkabbir ta' ikel ġenetikament modifikat. Dan għandu jkun infurzat b'mekkaniżmu li jagħti garanziji kemm lill-bdiewa u kemm lill-konsumatur permezz ta' ċertifikazzjoni minn istituzzjoni maħluqa apposta.

5. Għandu jkun hemm *standards* għolja ta' sigurta` u iġene fit-trobbija ta' l-annimali. Għandu jkun żgurat li l-ikel li jingħata lill-animali la jkun ġenetikament modifikat u lanqas ma jkun fih sustanzi li jagħmlu ħsara lill-bniedem.

6. Il-metodi tat-trobbija ta' l-annimali għandhom jiżguraw l-anqas sofferenza possibli għall-annimali. Għandu jingħata inċentiv lil dawk ir-raħħala li jużaw metodi *free range*. Prattiċi ta' moħqrija għandhom jiġu pprojbiti.

7. Biex ngħinu lill-bdiewa jieħdu kull vantaġġ mill-prodotti tipiċi Maltin bħall-ġbejniet, tin taċ-ċappa, inbejjed u larinġ ta' Malta, żejt taż-żebbuġa, eċċ., għandu

jkun żgurat li dawn il-prodotti jiġu mħarsa bħala tali qabel d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Biex il-bdiewa Maltin jieħdu vantaġġ mill-prodotti tipiċi hemm bżonn strutturi ta' appoġġ. Il-Minsteru ta' l-Agrikultura għandu jaħdem mill-qrib ma' organizzazzjonijiet bħall-IPSE, sabiex jiżdied il-valur miżjud fl-agrikultura.

8. Il-bdiewa u l-ko-operattivi tagħhom għandhom ikunu mħeġġa biex jiksbu kontroll aktar effettiv fuq id-distribuzzjoni tal-prodotti tagħhom kemm fis-suq lokali u kemm fl-esportazzjoni sabiex il-prezzijiet ma jkunux għoljin bla bżonn.

9. Biex nilqgħu għall-frammentazzjoni ta' l-art agrikola għandha terġa' tiddaħħal il-liġi ta' l-irkupru biex l-għelieqi għall-bejgħ ikunu jistgħu jinxtraw mill-bdiewa ġirien tagħhom għall-użu agrikolu.

10. L-art tal-gvern illum mogħtija bi qbiela għandha tiġi privatizzata billi tinbiegħ lill-bdiewa għandhom mqabbla, abbażi tal-qbiela li jkunu ħallsu sa issa. B'hekk jinħoloq suq ta'art agrikola li jkabbar il-volum tal-art agrikola f'Għawdex u Malta kollha. Dan filwaqt li jagħti kapital lill-bdiewa biex jiżviluppaw l-operazzjoni tagħhom u dan kollu bil-kundizzjoni li l-art tinżamm esklussivament għall-użu agrikolu.

11. Kull ristrutturar f'dan is-settur għandu jsir b'konsultazzjoni diretta ma' l-għaqdiet tal-bdiewa. Dan ir-ristrutturar għandu jservi biex il-biedja ssir aktar effiċjenti u sostenibbli. Kull għajnuna mogħtija mill-gvern għandha tissodisfa din il-kundizzjoni. Fid-dawl tat-tneħħija tal-levies,naqblu ma skema ta' sussidji li tikkumpensa għat-tneħħija ta' dawn il-*levies,* kif ukoll ma għajnuniet finanzjarji u tekniċi għall-imodernizzar, ristrutturar u *marketing* tas-settur agrikolu.

12. Il-gvern għandu jipprepara proġetti li permezz tagħhom Malta tkun eliġibbli għall-fondi mill-Unjoni Ewropea biex jiġi modernizzat dan is-settur.

13. Art agrikola reġistrata bħala tali trid tibqa' tintuża għal skopijiet agrikoli anke jekk tinbiegħ.

## Drittijiet ta' l-annimali

L-annimali u l-bnedmin jixxiebħu f'ħaġa fundamentali: it-tnejn iħossu. Għalhekk naħsbu li annimali għandhom jeddijiet li għandhom jitħarsu mil-liġi. Il-liġijiet Maltin għandhom jiġu aġġornati biex iħarsu l-annimali minn kull moħqrija.

14. Fl-agrikultura, metodi tat-trobbija *free range* għandhom jiġu inkoraġġiti. Għandu jkun hemm ukoll regoli stretti li jnaqqsu t-tbatija ta' dawk l-annimali li jitrabbew b'mod intensiv. Dawn il-metodi għandhom sa fejn possibbli jiġu evitati u anki pprojbiti.

15. Mhux aktar aċċettabli li l-kaċċa titqies bħala passatemp tradizzjonali. Il-liġijiet li jħarsu l-annimali mill-moħqrija għandhom japplikaw ukoll għall-kaċċa li m'hi xejn għajr moħqrija ta' l-għasafar. Il-kaċċa fir-rebbiegħa għandha tiġi abolita.

16. Għandu jissaħħaħ l-infurzar tal-liġijiet li jħarsu l-annimali. Għandhom jiħraxu l-pieni fuq atti barbari ta' moħqrija fuq l-annimali bħall-ġlied tal-klieb.

17. Għandu jkun hemm kontroll strett biex ma jsirux bejgħ u trobbija ta'annimali eżotiċi mħarsa mill-konvenzjoni CITES.

18. Il-jeddijiet ta' l-annimali li jintużaw għal skop ta'divertiment għandhom jiġu mħarsa.

19. Għandha titnieda sistema ta' reġistrazzjoni ta' annimali domestiċi flimkien ukoll ma' l-introduzzjoni tat-twaħħil ta'*microchip* ma' l-annimali reġistrati. Dan iservi ta' mod kif il-pulizija tkun taf min ikunu s-sidien ta' annimali abbandunati. Il-pieni għall-abbandun ta' annimali għandhom ikunu eżemplari.

20. Għandha tiġi introdotta sistema ta' passaporti sanitarji għall-annimali.

21. Għandu jitnieda servizz veterinarju pubbliku ta' emerġenza, li jkun miftuħ 24 siegħa kuljum.

22. Għandha tiġi mnedija kampanja nazzjonali ta'*neutering*. Din hija l-unika alternattiva għas-sistema preżenti li permezz tagħha l-annimali jiġu mraqqda.

23. Għandu jkun hemm regoli ċari u inforzati dwar l-użu ta' l-annimali fil-laboratorji.

24. L-abitat naturali ta' annimali slavaġ, speċjalment dawk f'periklu ta' estinzjoni, għandu jiġi mħares.

25. Għaqdiet involuti f'dan is-settur għandhom jingħataw għajnuna mill-istat. Nies magħżula mill-għaqdiet infushom għandhom ikunu rappreżentati f'awtoritajiet u bordijiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan is-settur.

26. Fl-edukazzjoni għandu jkun hemm enfasi qawwija favur id-drittijiet ta' l-annimali.

## Anzjani

Aktar kemm jgħaddi ż-żmien, l-eta` medja tal-popolazzjoni Maltija aktar qed tiżdied. Soċjeta` aktar anzjana timplika li l-anzjani għandhom jingħataw kull faċilita` biex jibqgħu attivi u jikkontribwixxu fis-soċjeta`. L-isterjotip ta' l-anzjan irtirat u passiv jistona mar-realta` soċjali ta' llum. Madankollu, biex l-anzjani jibqgħu attivi fis-soċjeta`, jeħtieġ li jitneħħa kull ostaklu li toħloq is-soċjeta` stess kontra l-anzjani.

27. Kull servizz u post pubbliku għandu jkun aċċessibli għall-anzjani.

28. Għandu jkun hemm sistema ta' tnaqqis fil-prezzijiet għall-anzjani f'affarijiet bħal trasport, dħul f'teatri u ħlas għal servizzi ta'komunikazzjoni bħall-*internet*.

29. Il-Kunsilli Lokali għandhom joħolqu skemi u ċentri għall-anzjani li jkunu mmexxija minnhom stess, flimkien ukoll ma' pożizzjonijiet oħra ta' responsabbilta` fil-lokalita`. Permezz ta' dawn ir-responsabiltajiet, l-anzjani jibqgħu jiffurmaw parti integrali mill-ħajja tal-komunita`.

30. L-għaqdiet nazzjonali ta' l-anzjani għandhom ikunu rappreżentati fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD).

31. L-esperjenza ta' persuni li jkunu rtiraw mix-xogħol m'għandhiex titħalla ttir mar-riħ. Anki wara l-irtirar mix-xogħol, l-anzjani għandhom jingħataw iċ-ċans li jservu bħala konsulenti f'diversi oqsma tal-ħajja li fihom kellhom esperjenza. Għandu jingħata ħlas xieraq għal tali kontribuzzjoni.

32. Għandu jkun hemm investiment ikbar li jieħu inkonsiderazzjoni t-tibdil demografiku tal-pajjiż. Dan għandu jsir billi jitniedu proġetti li jinkoraġixxi l-anzjani biex jibqgħu jgħixu fil-komunita` u fejn huwa possibbli tiġi garantita akkomodazzjoni alternattiva. Din l-akkomodazzjoni għandha tkun ta'livell skond *standards* stabbiliti u infurzati.

## Riforma fil-Pensjonijiet

Is-sitwazzjoni tal-pensjonijiet bħalissa hi waħda insostenibbli għax ma jeżistix fond għall-pensjonijiet. Is-sistema preżenti daħħlitna fi sqaq dejjaq fejn sitwazzjoni diżastruża hija inevitabbli jekk kemm-il darba ma jittieħdux miżuri kuraġġjużi. Biex din il-problema tiġi indirizzata jeħtieġ:

33. Li jitwaqqaf fond għall-pensjonijiet li jintuża biss u esklussivament għall-ħlas tal-pensjonijiet jew f'investimenti li jiġġeneraw flus għall-istess fond. Il-fond għandu jiġi ffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali.

34. Il-fond għandu jitmexxa mill-imsieħba soċjali (il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali), mill-Awditur Ġenerali u minn *management* privat. Il-flus iġġenerati għandhom jintużaw biss għall-pensjonijiet.

35. L-eta` ta' l-irtirar għandha tiġi stabbilita bi qbil bejn il-partijiet kollha. Għandu jkun hemm tnaqqis gradwali fis-sigħat tax-xogħol bejn l-eta` ta' 55 sena u l-eta` ta' l-irtirar. Xogħlijiet li jirrikjedu eżerċizzju fiżiku kbir jew *stress* mentali għandu jkollhom eta` ta' irtirar aktar baxxa minn xogħlijiet oħra. Kulħadd għandu jkollu l-liberta` li jibqa' jaħdem sa meta jrid, anke jekk tkun inqabżet l-eta` uffiċjali ta' rtirar.

36. Kull żieda li jkun hemm biex tikkumpensa għall-għoli tal-ħajja għandha tingħata b'mod sħiħ lill-pensjonanti. Il-minimu tal-pensjoni għandu jiġi stabbilit mill-MCESD b'mod li l-pensjoni tiggarantixxi livell xieraq ta' għixien.

37. Għandu jkun hemm spazju xieraq għal min jinvesti f'pensjonijiet privati mingħajr ma ħadd jitlef il-penzjoni nazzjonali.

## L-Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-Ambjent

L-Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-Ambjent hi għodda indispensabbli biex f'pajjiżna jkun hawn żvilupp sostenibbli li jirrispetta 'l-ambjent u 'l-komunitajiet lokali. Sfortunatament din l-istituzzjoni għaddejja minn kriżi ta' leġittimita`. F'dan il-kuntest nipproponu li:

38. Fil-Bord ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar għandu jkun hemm rappreżentanza tal-Kunsilli Lokali u ta' l-Għaqdiet Non-Governattivi, speċjalment dawk ambjentalisti. Dan jiżgura deċiżjonijiet aktar demokratiċi. Fl-Awtorita` ta' l-Ippjanar m'għandux ikun hemm rappreżentanti tal-partiti politiċi.

39. Żviluppaturi li jiksru l-liġi waqt li jkunu qed jagħmlu xogħol ta' żvilupp għandhom jiġu ppenalizati billi jiġu mwaqqfa milli jibnu fuq is-sit li fuqu jkunu kkommettew illegalitajiet.

40*. Environment Impact Statements* u *Environment Impact Assessments* (EISs u EIAs) għandhom ikunu kkummissjonati mill-MEPA, iżda mħallsa mill-iżviluppatur, kuntrarjament għal dak li jiġri bħalissa fejn dawn l-istudji jiġu kkummissjonati mill-iżviluppatur stess.

## Demokrazija

Għalina d-demokrazija mhijiex biss il-ħakma tal-maġġoranzi iżda wkoll il-ħarsien tad-drittijiet tal-minoranzi. Id-demokrazija għandha tinkludi kemm lill-partiti kif ukoll espressjonijiet oħra tas-soċjeta` ċivili bħall-NGOs. Id-demokrazija li nemmnu fiha mhix waħda li tillimita ruħha għal jum l-elezzjoni, iżda hi proċess kontinwu ta' parteċipazzjoni popolari u ta' skrutinju pubbliku. Għalhekk nemmnu f'aċċess akbar għall-informazzjoni, kemm għan-nies ordinarji, kif ukoll għall-għaqdiet u l-*media*. Id-demokrazija għalina tfisser ukoll proċess trasparenti u mhux diskussjonijiet fil-moħbi bejn dawk li għandhom il-poter. Aħna lesti naħdmu ma' nies f'partiti oħra li jaqblu ma' l-ideat tagħna biex nagħmlu lil Malta pajjiż aktar demokratiku.

41. Għandu jkun hemm leġiżlazzjoni li tiżgura aċċessibilta` pubblika għal informazzjoni miġbura f'dipartimenti u korporazzjonijiet pubbliċi. L- eċċezzjonijiet, li minħabba raġunijiet ta' sigurta` nazzjonali jkollhom jibqgħu sigrieti, għandhom jiġu definiti u ristretti. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli permezz ta' l-internet. Apparti dan, għandu jiġi żgurat id-dritt taċ-ċittadin għall-informazzjoni li għandha tingħata fl-iqsar żmien possibbli. Għalhekk f'kull dipartiment u korporazzjoni pubblika għandu jinħatar uffiċjal li xogħlu jkun li jgħin liċ-ċittadini li jitolbu l-informazzjoni.

42. L-abbuż minn responsabbilta` pubblika għall-gwadann personali u l-forom oħra ta' korruzzjoni jheżżu s-sisien tad-demokrazija. Għalhekk kull bniedem li jinstab ħati ta' korruzzjoni għandu jkun obbligat irodd lura l-flus, proprjeta` u ġid ieħor li jkun oriġina mill-korruzzjoni. Dan kollu minbarra l-piena stabilita skond il-liġi. Biex il-ġlieda kontra l-korruzzjoni tkun verament effettiva jeħtieġ tiddaħħal liġi li tħares lil dawk l-impjegati pubbliċi li jikxfu l-korruzzjoni u l-abbuż tal-poter minn proċeduri ikkontemplati fl-*estacode* jew il-liġi dwar is-sigrieti professjonali.

43. Il-finanzjament tal-partiti għandu jkun regolat biex tkun tista' tgħin lill-partit tiegħek mingħajr il-possiblita` li tixtrih. Għaldaqstant, il-finanzjament permezz ta' donazzjonijiet u "għajnuna", li jirċievu l-partiti mill-qasam tan-negozju b'mod partikulari, għandu jiġi rregolat minnufih b'liġi. Dan għaliex filwaqt li hu pożittiv li ċ-ċittadini jipparteċipaw fil-finanzjament tal-partit tagħhom permezz ta' donazzjonijiet żgħar, dan il-finanzjament isir perikoluż fil-każ ta' donazzjonijiet kbar; individwi jew kumpaniji li jagħmlu dawn id-donazzjonijiet ikunu jistgħu jirrikattaw lill-partit li jekk ma jiġux imħarsa l-interessi tagħhom ma jagħtuhx aktar flus. Dan isir ferm perikoluż meta jkun hemm fin-nofs xi kuntratt kbir tal-gvern.

44. Filwaqt li m'għandu jkun hemm l-ebda ħtieġa li donazzjonijiet ta' anqas minn Lm500 jiġu dikjarati, is-sors ta' kull donazzjoni aktar minn din is-somma għandu jiġi dikjarat.

45. Għandu jkun hemm sistema ta' għajnuna ta' l-istat għall-partiti politiċi. Għandha tiġi allokata somma kull sena mill-baġitt nazzjonali li 25 fil-mija minnhom jitqassmu b'mod ugwali bejn il-partiti kollha li jaqbżu l-1% tal-voti kollha fuq bażi nazzjonali. Il-75 fil-mija l-oħra jinqasmu bejn il-partiti skond il-proporzjon ta' voti li jkunu ġabu fl-elezzjoni ġenerali. Kull sena il-partiti għandhom jippreżentaw *accounts* li jkunu vverifikati minn kummissjoni indipendenti maħtura mill-Awditur Ġenerali.

46. Is-somma li kandidat ikun jista' jonfoq f'elezzjoni għandha titla' minn Lm600 għal waħda aktar realistika ta' Lm2000. Pero` dan l-ammont għandu jinkludi n-nefqa tal-partit maqsuma proporzjonalment man-numru ta' kandidati. Għandu jitqies bħala dħul għal kandidat kull servizz misluf jew mogħti minn terzi persuni. Kull kandidat għandu jippreżenta *accounts* li jkunu vverifikati minn kummissjoni maħtura mill-Awditur Ġenerali. Għall-fini tat-taxxa, il-flus minfuqa mill-kandidati għandhom ikunu eżenti mit-taxxa, kemm għall-kandidati eletti kif ukoll dawk li mhumiex. L-impjegati fis-servizz pubbliku għandu jingħatalhom id-dritt li jikkontestaw l-elezzjoni mingħajr ma jiġu ppenalizzati b'*leave* bla ħlas impost fuqhom. Nemmnu li għandu jingħata id-dritt ta' *leave* għall-perjodu tal-kampanja elettorali.

47. Iċ-ċittadini għandu jkollhom iċ-ċans jipparteċipaw fil-ħolqien ta' liġijiet ġodda permezz ta' l-introduzzjoni tar-referendum propożittiv. Referendum propożittiv ifisser li l-poplu jkun jista' jivvota iva jew le għal suġġeriment ta' liġi li jkunu pproponew ċittadini komuni, għaqdiet u espressjonijiet oħra tas-soċjeta` ċivili. Dan iwassal għal parteċipazzjoni popolari akbar fejn it-tfassil tal-liġijiet ma jibqax monopolju f'idejn il-parlamentari.

48. Sabiex ikun żgurat li l-proposti mressqa jkunu serji u responsabbli u ma jsirux referenda għal kull ħaġa ta' xejn, l-organizzaturi ta' referenda propożittivi għandhom jiġbru l-firem ta' minimu ta' 5% tal-persuni mniżżla fuq ir-reġistru elettorali.

49. Emendi importanti skond Artiklu 66 fil-Kostituzzjoni għandhom jiġu approvati permezz ta' referendum. Sabiex jiġi żgurat li r-referendum ma jintużax bħala strument biex joħnoq xi dritt fundamentali, għandu jiġi żgurat li qatt ma jkun jista' jissejjaħ referendum li jmur kontra l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ċ-Charter tal-Ġnus Maqgħuda tad-Drittijiet tal-Bniedem.

50. Il-President għandu jżomm il-funzjoni preżenti tiegħu ta' simbolu ta' għaqda nazzjonali, protettur tal-Kostituzzjoni, leħen kuxjenzjuż li jirrapreżenta s-soċjeta` ċivili, kif ukoll bħala president tal-kummissjoni għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

51. Sabiex il-Presidenza jkolla aktar leġittimita` f'għajnejn il-poplu, il-President tar-Repubblika għandu jiġi elett kull seba' snin mill-poplu kollu. L-ebda President m'għandu jservi għal aktar minn żewġ termini.

52. Ilu li wasal iż-żmien ta' emendi elettorali fejn sitwazzjoni ta' gwerra bejn żewġ tribujiet tinbidel f'waħda fejn verament jipparteċipa kulħadd. Kull ċittadin Malti għandu jkollu d-dritt tal-vot. Għaldaqstant, għandhom isiru dawk l-arranġamenti kollha possibbli sabiex ċittadini Maltin li jinsertaw barra minn xtutna jkollhom il-faċilita` li jivvutaw f'elezzjoni ġenerali jew referendum permezz ta' ambaxxati, bil-posta jew bi prokura.

53. Is-sistema elettorali għandha tkun waħda proporzjonali bbażata fuq il-kwota nazzjonali. Dan iwassal biex Malta, bħall-pajjiżi Ewropej kollha, ikollha aktar minn żewġ partiti fil-Parlament. Hekk id-dibattitu politiku ma jibqax dipendenti fuq il-pika partiġġjana.

54. L-Ombudsman jista' jitqies bħala eżempju ħaj ta' ħidma favur iċ-ċittadin. L-istituzzjoni ta' l-Ombudsman kienet suċċess kbir u għalhekk dan l-uffiċċju għandu jingħata aktar riżorsi biex jinvestiga każijiet imressqa miċ-ċittadin.

55. L-istituzzjoni ta' l-Ombudsman għandha tkun estiża f'istituzzjonijiet fejn teżisti inugwaljanza ta' poter u fejn il-poter hu eżerċitat b'mod arbitrarju mill-awtorita`. Għandu jinħatar Ombudsman permanenti fil-korp tal-pulizija, fil-ħabs, fil-postijiet fejn jinżammu r-rifuġjati, fl-isptarijiet, f'istituzzjonijiet mentali u fi djar għall-anzjani. F'dawn il-postijiet, l-Ombudsman għandu jkollu liberta` kompleta biex jopera, fost l-oħrajn billi jkollu aċċess sħiħ għad-dokumentazzjoni neċessarja għall-investigazzjonijiet tiegħu.

## Diżabilita`

L-ebda bniedem m'għandu jkun imċaħħad mill-opportunitajiet li toffri s-soċjeta` minħabba l-kundizzjoni fiżika jew mentali tiegħu. Ħafna drabi d-diżabilita` hi kundizzjoni imposta mis-soċjeta` fuq il-bniedem minħabba nuqqas ta' aċċessibilta` u solidarjeta`. Wara kollox, kull persuna tista' titqies li għandha jew jista' jkollha xi forma ta' diżabilita` f'xi fażi jew oħra ta' ħajjitha u għalhekk is-soċjeta` m'għandhiex tħares lejn persuni b'diżabilita` bħallikieku kienu xi kategorija speċjali li jgħixu fuq il-ħniena ta' ħaddieħor. Il-fatt li n-numru ta'l-anzjani qiegħed dejjem jiżdied ifisser li hemm bżonn aktar kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet differenti ta'kull bniedem. Alternattiva Demokratika tappoġġja l-prinċipji tal-liġi dwar l-opportunitajiet indaqs. Viżjoni ħolistika tas-saħħa, kontroll strett fuq it-tniġġiż, tagħrif akbar fuq l-ikel u politika ta' trasport li tnaqqas l-inċidenti fit-toroq, x'aktarx twassal tnaqqis fil-mard u l-inċidenti li jwasslu għal forom varji ta'diżabilita`.

56. Kull post pubbliku inkluż dawk kummerċjali, servizzi u infrastruttura għandhom ikunu aċċessibbli għal kull min hu b'diżabilita`. Fil-każ ta'postijiet diġa` mibnija għandha tingħata għajnuna biex issir ir-ristrutturazzjoni neċessarja biex dawn ukoll isiru aċċessibli.

57. L-għaqdiet ta' persuni b'diżabilita` għandhom jingħataw għajnuna legali b'xejn biex jinfurzaw dawn il-liġijiet.

58. Ix-xandir pubbliku għandu wkoll obbliġi lejn persuni b'diżabilita`. Għaldaqstant għandu jittrasmetti programmi bħall-aħbarijiet permezz tal-lingwa tas-sinjali. Fejn hu possibbli, films u dokumentarji għandhom jintwerew bis-*sub-titles* ukoll.

59. L-istat għandu obbligu li joffri kenn xieraq u kemm jista' jkun fil-komunita` għal dawk il-persuni b'diżabilita` li jispiċċaw waħedhom minnħabba mewt jew abbandun.

60. Il-proċess ta' inklużjoni ta' persuni b'diżabilita` mentali fis-soċjeta`, permezz ta' *half way houses* u inseriment ieħor gradwali fis-soċjeta`, għandu jiżgura li l-ebda persuna ma tibqa' tgħix f'istituzzjoni mentali mingħajr ħtieġa kif inhu l-każ illum. Biex politika ta' inklużjoni tkun suċċess, jeħtieġ sforz ikbar ta' edukazzjoni dwar is-saħħa mentali.

61. Fl-isptar mentali għandu jinħatar Ombudsman li ma jkunx psikjatra u li jkollu aċċess sħiħ għall-pazjenti. Dan għandu jkollu l-poter li jinvestiga l-ilmenti tal-pazjenti, il-familjari tagħhom u oħrajn, u għalhekk għandu jkollu aċċess sħiħ għall-pazjenti f'kull ħin.

62. Il-gvern għandu jirrikonoxxi d-dritt ta' dawk li jieħdu ħsieb persuni b'diżabilita` li jiġu pprovduti b'servizz ta' *respite* bi prezz raġjonevoli biex ikunu jistgħu jieħdu l-mistrieħ xieraq tagħhom.

63. Il-prinċipju ta' azzjoni affermattiva favur persuni b'diżabilita` fid-dinja tax-xogħol għandu jiġi infurzat.

64. Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` għandha tkun rappreżentata fost oħrajn f'bordijiet tal-gvern, fl-Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-Ambjent, fl-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku u fil-bord tal-PBS.

## Droga u Alkoħol

Għandna naħdmu biex tonqos il-pressjoni biex wieħed jirrikorri għad-drogi kemm dawk legali u kemm dawk illegali. Għalina d-droga mhix biss problema ta' liġi u ordni iżda hi prinċipalment problema li għandha għeruq soċjali. Fil-fatt l-alkoħol, il-kalmanti u s-sigaretti, minkejja li huma legali, joħolqu dipendenza u problemi b'implikazzjoni soċjali kbira.

65. Ir-reklamar dirett u indirett tas-sigaretti għandu jiġi pprojbit. Il-qliegħ mit-taxxi fuq it-tabakk għandu jintuża biex jiffinanzja kampanji ta' *health promotion* u lid-Dipartiment tas-Saħħa.

66. Fuq kull prodott magħmul mit-tabakk għandu jkun hemm twissijiet dwar saħħa ibbażati fuq *standards* ta' l-Unjoni Ewropea.

67. Kull post pubbliku jew privat li fih jaħdmu ħaddiema jew jilqa' fih klienti, għandu jkun ħieles mit-tipjip. L-unika eċċezzjonijiet għal din ir-regola għandhom ikunu bars, kafejiet, diskoteki u ristoranti. F'dawn il-każi, it-tipjip ikun permess li jsir biss f'parti żgħira u ristretta ta' l-istabiliment b'faċilitajiet adekwati ta' ventilazzjoni, b'mod li d-dritt għas-saħħa għal min ma jpejjipx ma jiġi affettwat bl-ebda mod. F'każ li l-post ikun żgħir wisq biex din ir-regola tkun waħda prattika, il-post kollu kemm hu għandu jkun ħieles mit-tipjip.

68. Min jippermetti tipjip fuq il-post tax-xogħol għandu jkun responsabbli għad-danni finanzjarji lejn dawk l-impjegati li ma jpejpux u li jispiċċaw isofru minn danni fuq saħħithom.

## Alkoħol

69. Il-bejgħ kollu ta' xorb alkoħoliku lil persuni taħt l-eta` għandu jkun illegali. Din il-liġi għandha tiġi infurzata b'mod rigoruż. F'każ ta' stabilimenti li jiksru din il-liġi ripetutament il-permess ta' l-istabiliment għandu jiġi rtirat.

70. Il-bejgħ ta' spirti alkoħoliċi għandu jkun illegali għal persuni taħt it-18-il sena. Fil-każ tal-birra u l-inbid, l-eta` għandha tibqa' dik preżenti (16-il sena). *Nightclubs* u *discos* fejn jinbiegħ l-alkoħol m'għandhomx jippermettu d-dħul ta' tfal u żgħażagħ taħt is-16-il sena.

## Drogi Illegali

Is-sitwazzjoni preżenti qed twassal biex faxxa ta' żgħażagħ tieħu esperjenza tad-dinja tal-kriminalita` minn eta` bikrija. Dawk li jinqabdu jikkonsmaw id-droga jispiċċaw ittimbrati bħala kriminali u għandhom ċans kbir li jaqbdu t-triq tan-niżla għalihom u għas-soċjeta`. Fid-dawl ta'dan, Alternattiva Demokratika tipproponi li:

71. Reati konnessi mal-pussess ta' drogi illegali strettament għall-użu personali qatt m'għandhom jitniżżlu fil-kondotta u f'każ ta' rijabilitazzjoni anki reati minuri (bħal reati kontra l-proprjeta` u mikro-traffikar) għandhom jitneħħew mill-kondotta. Dan jgħin biex dawn in-nies ikunu jistgħu jsibu xogħol diċenti.

72. Il-piena ta' ħabs fuq pussess ta' ammonti ta' droga għall-konsum personali għandha tkun eskluża għal kollox.

73. Persuni li jkunu spiċċaw b'suċċess programmi ta' rijabilitazzjoni m'għandhomx jintbagħtu l-ħabs fuq reati bħal traffikar ta' ammonti żgħar ta' droga u reati kontra l-proprjeta` li jkunu saru taħt l-influwenza tad-droga.

74. Alternattiva Demokratika tipproponi li ssir distinzjoni ċara fil-liġi bejn min jinqabad bi droga għall-konsum personali u min jinqabad bid-droga għal skop ta' traffikar. Għandha ssir ukoll klassifikazzjoni legali ċara li tiddistingwi bejn *soft drugs* (eż. ħaxixa) u *hard drugs* (eż. eroina u kokaina).

75. Is-suq illegali tad-droga qed iwassal biex ċrieki kriminali jistagħnew u jinvestu l-profitti tagħhom f'attivita` ekonomika legali. Dan joħloq żbilanċ fl-attivita` ekonomika fil-pajjiż u ħu ta' periklu għas-soċjeta` kollha. Fid-dawl ta' dan għandu jkun hemm ko-ordinament fil-ħidma bejn l-*Economic Crimes Unit* u d-*Drug Squad*.

## Attivita` Ekonomika Illegali

76. Għandu jkun obbligu legali li professjonisti bħal avukati u *accountants*, kif ukoll istituzzjonijiet finanzjarji, jirrapurtaw kull tagħrif li jista' jkollhom li jwassal għal suspett fondat li l-flus tan-negozji li jkollhom x'jaqsmu magħhom ikun ġej minn traffikar ta' armi, ta' bnedmin, tad-droga u attivita` ekonomika illegali oħra.

## Edukazzjoni

L-edukazzjoni għandha tkun marbuta ma' l-iżvilupp sħiħ tal-bniedem li jinkludi l-aspetti akkademiċi, fiżiċi, vokazzjonali, emozzjonali u etiċi. Għandha trawwem ukoll rispett lejn id-dinja u l-ambjent li sawwarna u li ngħixu fih. L-edukazzjoni għandha tgħin lill-individwi jiżviluppaw attitudni kreattiva u kuxjenza kritika. B'hekk l-individwi jkunu jistgħu jiżviluppaw bħala ċittadini f'soċjeta` demokratika. L-edukazzjoni m'għandhiex tipperpetwa l-inugwaljanzi soċjali iżda għandha tgħin biex dawn jixxejnu. F'dinja li l-ħin kollu qed tinbidel, l-edukazzjoni trid bilfors tkun proċess kontinwu li jissokta tul il-ħajja. Huwa skandlu li f'Malta jeżisti persentaġġ għoli ta' illiterati. Huwa importanti li kull bniedem ikun mgħammar b'livell minimu ta' taħriġ u għerf li mingħajru persuna ma tkunx tista' tgħix ħajja dinjituża.

## Edukazzjoni fl-iskejjel

77. L-istat għandu d-dmir jipprovdi l-aqwa faċilitajiet edukattivi fil-pajjiż.

78. L-AD tirrikonoxxi l-importanza tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li għandu jibqa' jiġi aġġornat permezz ta' proċess kontinwu ta' parteċipazzjoni u konsultazzjoni li għandu jiġi estiż għall-istudenti wkoll. L-iskejjel għandhom jitħallew jaddattaw il-kurrikulu skond ir-realtajiet soċjali li jgħixu fihom. Dan jinkludi pedagoġija, l-użu ta' għajnuniet għat-tagħlim, formulazzjoni ta' karti ta' l-eżamijiet u metodi ta' assessjar ieħor. Dan ifisser ukoll bidla fil-mod kif isir l-aġġornament ta' l-għalliema: minn wieħed ċentrali u ġenerali għal wieħed '*in-house'* li jieħu ħsieb jindirizza l-bżonnijiet speċifiċi ta' l-għalliema u l-istudenti ta' kull skola individwali.

79. L-awtonomija fit-tħaddim tal-kurrikulu għandha tkun waħda relattiva u responsabbli. Filwaqt li kull skola għandu jkollha l-faċilita` li tiżviluppa l-kurrikulu b'mod li jaqdi l-bżonnijiet ta' l-istudenti, ir-rwol tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni għandu jkun wieħed ta' *monitoring* u faċilitazzjoni biex jiġi aċċertat li dak li huma intitolati għalih l-istudenti, kif elenkat fil-kurrikulu nazzjonali, ikun qed jingħata. Il-kunsilli ta' l-iskola għandhom jingħataw aktar responsabbiltajiet filwaqt li jiżguraw li jkun hemm aktar *accountability*. L-awtonomija u d-deċentralizazzjoni ta' l-iskejjel għandha wkoll isservi biex l-iskola ssir ċentru tal-komunita` li jkun aċċessibli għal kulħadd. Il-bini ta' l-iskola għandu jintuża biex fih isiru attivitajiet kulturali u soċjali fil-ħinijiet ta' wara l-iskola. L-argument ta' aċċessibilita` jgħodd mhux biss għall-iskejjel ta' l-istat imma ukoll għal skejjel oħra, speċjalment għall-iskejjel tal-Knisja li qed jirċievu finanzjament imdaqqas mill-istat.

80. L-iskejjel infushom għandhom jingħataw iċ-ċans jimpjegaw direttament ħaddiema f'xogħol ta' purtinara u *maintenance*. L-iskejjel ukoll għandhom ikunu

involuti direttament fl-għażla ta' l-għalliema li jgħallmu fi ħdanhom biex l-istaff ikun konsonanti mal-*mission statement* u l-għanijiet partikolari ta' l-iskola.

81. L-edukazzjoni għandha sseddaq ir-rispett sħiħ lejn id-diversita` speċjalment dik ibbażata fuq etnija, orjentazzjoni sesswali, lingwa, u diżabilita` u twemmin.

82. Il-kurrikulu għandu jimrah lilhinn minn wieħed Ewroċentriku għal wieħed b'dimensjoni aktar globali. F'dan il-kuntest, huwa ta' tħassib li fost il-*focus groups* li twaqqfu fuq l-implimentazzjoni tal-kurrikulu ma twaqqafx *focus group* biex jindirizza l-edukazzjoni anti-razzjali. Dan huwa ta' għajb speċjalment meta tikkunsidra r-realta` ta' l-immigrazzjoni f'pajjiżna kemm minn pajjiżi Afrikani kif ukoll minn emigranti Maltin, fost kategoriji oħrajn, li kull ma tmur qed tiżdied.

83. L-isforzi favur l-inklużjoni huma pass fid-direzzjoni t-tajba, u għandhom jiġu nkoraġġiti. Fl-istess waqt hemm bżonn ta' evalwazzjoni kontinwa tal-mod kif din l-inizjattiva qed tevolvi. Dan minħabba l-possibilta` ċara li l-flus mhux qed jintefqu fuq min l-aktar għandu bżonnhom.

84. Il-*facilitators*, li jagħmlu parti integrali mill-proċess ta' inklużjoni, għandhom jingħataw it-taħriġ adekwat. Għandhom jiġu evitati gradi differenti fi ħdan korp li qed jagħmel l-istess xogħol bl-istess taħriġ.

85. Kull inizjattiva li tittieħed biex tindirizza l-illitteriżmu u studenti li jaqgħu lura hija ta' min ifaħħarha. F'dan is-sens, il-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi għandha tiġi inkorraġġita, speċjalment jekk din tfisser soluzzjonijiet iktar mgħaġġla u effiċjenti għal sitwazzjoni li ilha li saret urġenti. Fl-istess waqt, irid isir użu tajjeb mir-riżorsi eżistenti, tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u tiġi assigurata kontinwita` fil-programmi. F'dan ir-rigward, ma jistax ikun hemm inizjattivi li jiddependu minn skadenzi elettorali. Fl-istess waqt ukoll irid isir kull sforz ħalli jiġu indirizzati r-raġunijiet fis-sistema edukattiva tagħna li minħabba fihom qed jaqgħu lura numru sostanzjali ta' tfal. Id-diskors ta' 'problema' għandu jiġi mżerżaq minn fuq l-istudenti u l-familji tagħhom għal fuq in-nuqqasijiet strutturali tas-sistema edukattiva tagħna.

86. Mhuwiex biżżejjed li jsir investiment finanzjarju fuq proġett jew ieħor fl-edukazzjoni biex imbagħad jintelaq kollox għal riħu. Huwa fatt pożittiv li pajjiżna ħa l-passi biex jinvesti fit-teknoloġija ta' l-informatika fl-iskejjel tagħna. Fl-istess waqt, madankollu, huwa essenzjali li ssir evalwazzjoni tal-'kemm' u l-'kif' qed isir użu ta' dawn il-faċilitajiet fl-informatika. Inkella nafu qed nitfgħu il-miljuni kbar tal-liri fil-bir tas-skieken.

87. Mill-livell sekondarju 'l fuq, għandhom jiġu eletti f'kull skola l- kunsilli ta' l-istudenti. Dawn il-kunsilli, flimkien mal-kunsilli tal-ġenituri, għandhom ikunu involuti fit-tmexxija ta' l-iskola. Għandhom ukoll iwasslu l-ilmenti ta' l-istudenti u jorganizzaw attivitajiet fl-iskola. Dan jgħin fil-formazzjoni demokratika tat-tfal tagħna.

88. L-istudenti għandhom dritt għall-eżerċizzju u ta' l-edukazzjoni fiżika f' ħinijiet differenti tal-ġurnata.

89. Għandu jkun hemm enfasi fuq *group work* u xogħol kreattiv li jżid l-imħabba għat-tagħlim fost l-istudenti.

90. L-aspett affettiv fl-iskola għandu jingħata importanza, filwaqt li jkun hemm protezzjoni effettiva minn vjolenza fiżika u mentali.

91. Għandha tiddaħħal sistema ta' *performace bonus* għall-għalliema. Din m'għandhiex tkun marbuta ma' riżultati ta' eżamijiet, imma ma inizjattivi intrakurrikulari li jirrispekkjaw ruħhom fil-qafas tal-*mission statement* u l-għanijiet ta' l-iskola partikolari.

92. Għandu jkun hemm kodiċi ġdid ta' l-etika, magħmul mill-għalliema stess, li jirregola l-professjoni tagħhom. Għandu jitwaqqaf Kunsill ta' l-Għalliema li jirregola l-professjoni.

93. Il-gvern għandu jipprovdi għajnuna legali lil dawk l-għalliema li jsofru minn abbuż jew vjolenza.

## Skejjel Primarji

94. Għandha tissaħħaħ is-sistema ta' *pre school education* (li tinkludi *kindergartens* u *day care centres*) għaliex is-sisien ta' l-imħabba lejn it-tagħlim u l-iżvilupp personali jitfasslu hemm. B'mod partikulari, hemm bżonn urġenti ta' regolamentazzjoni ta' l-operaturi f'dan il-qasam li qed jikber b'rata mgħaġġla. Dan għandu jassigura li dawn iċ-ċentri jkunu f'idejn nies kompetenti u kwalifikati u li jipprovdu servizz f'ambjent addattat, nieqes mill-perikli.

95. Il-klassijiet kollha tal-primarji għandhom ikunu klassijiet ta' ħiliet imħallta u l-*istreaming* għandu jitneħħa għal kollox f'dan il-livell. Tfal b'diffikultajiet varji, mhux biss akkademiċi, għandhom jingħataw għajnuna speċjali fil-ħin u wara l-ħin ta' l-iskola. L-iskejjel għandhom jingħataw ir-riżorsi meħtieġa biex dan isir. Miżura li tgħin biex dan il-proċess jirnexxi tkun dik li jkun hemm klassijiet iżgħar.

96. L-eżami tal-Junior Lyceum, li jiddetta t-tagħlim li jsir fl-aħħar snin tal-primarja u jħalli effett trawmatiku fuq it-tfal li jeħlu, għandu jitneħħa u jiġi ssostitwit b'sistema mħallta ta' *assessments* u eżamijiet li jieħdu f' konsiderazzjoni l-kapaċitajiet u l-kisbiet ta' kull student. Dawn ir-riżultati għandhom jintużaw biex jiggwidaw u mhux jiddeterminaw il-futur ta' l-istudenti fl-iskola sekondarja. Il-kultura ta' falliment marbuta ma' dan l-eżami qed tittimbra lit-tfal minn eta` ċkejkna. Fuq l-istess linja, AD tħoss li l-eżami tal-*Common Entrance* għall-iskejjel tal-Knisja mhux biss qed ikompli joħloq tensjonijiet ikbar, firdiet u timbri fost it-tfal, b'mod partiklulari s-subien, imma qed ixejjen il-prinċipju ta' edukazzjoni inklussiva li tant iħambqu fuqha l-iskejjel tal-Knisja nfushom.

97. Il-*Personal and Social Development* għandu jiġi mgħallem b'mod integrat iżda konxju speċjalment fil-livell primarju u jibqa' jiġi mgħallem sa l-aħħar sena tas-sekondarja.

## Skejjel Sekondarji

98. Sabiex tisseddaq il-ġustizzja soċjali għandha tinħoloq sistema waħda ta' edukazzjoni sekondarja biex kull student igawdi mill-istess opportunitajiet edukattivi u ħadd ma jispiċċa ttimbrat mis-sistema minn eta` ċkejkna. L-istudenti għandhom jingħataw l-opportunita` li jagħżlu minn livelli differenti ta' tagħlim f'suġġetti varji skond l-abilita` u l-għażliet fit-tul tagħhom. Sakemm din il-mira tintlaħaq għandha tiġi attwata politika ta' diskriminazzjoni pożittiva favur l-iskejjel sekondarji li jridu jitħabtu aktar minn skejjel oħrajn biex l-ewwel u qabel kollox jibnu l-moral ta' l-istudenti li jkun tkisser frott ta' l-eżami selettiv fl-aħħar tal-Year 6. Dan ifisser parti ikbar mir-riżorsi umani kif ukoll finanzjarji dedikati lill-*area secondaries*. L-għalliema għandhom ikunu inċentivati joffru s-servizzi tagħhom f'dawn l-iskejjel.

99. Għandu jkun assigurat li f'kull livell tkun garantita edukazzjoni bażika kif imfassla fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, filwaqt li titħalla flessibilta` biżżejjed biex l-istudenti japprofondixxu ċertu aspetti tal-kurrikulu. L-istudenti li joħorġu mill-iskejjel sekondarji għandhom ikunu *empowered* b'taħriġ, sengħa u informazzjoni li jgħinuhom jiffunzjonaw f'dinja demokratika, b'ċittadinanza attiva u f'dinja tax-xogħol li teħtieġ flessibilita` kontinwa.

100. Filwaqt li hemm ħafna rieda tajba għal tibdil fil-kurrikulum, dan jista' jibqa' fuq l-ixkaffa jekk ma jkunx hemm riforma fil-metodu tas-SEC. Hija ta' għajb li d-direzzjoni tas-SEC mhijiex inkluża fil-ġuriżdizzjoni ta' l-awtorita` kompetenti li qed tieħu ħsieb l-implimentazzjoni tal-kurrikulu. Nemmnu li t-treġija tas-SEC għadna tgħaddi minn idejn is-Senat ta' l-Universita` għal idejn l-implimentaturi tal-kurrikulu nazzjonali.

101. Li l-edukazzjoni teknoloġika tiġi integrata fil-kurrikulu tas-sekondarja kien punt li AD saħqet fuqu sa mit-twaqqif tagħha. Dan għaliex kienet qed tiġi mtennija xiżma bejn l-għerf astratt u dak prattiku, li kienet qed tissarraf f'qasma ta' klassi u status differenzjat bejn dawn iż-żewġ aspetti ta' l-għerf li jikkumplimentaw lil xulxin. Għaldaqstant, AD ittenni l-appoġġ tagħha għall-miżura ta' integrazzjoni tat-teknoloġija fis-sekondarji, Dan filwaqt li tittama li dan il-qasam ta' l-għerf ikun jagħmel parti mill-edukazzjoni bażika ta' kull studenta u student fis-sekondarja kif ukoll fil-primarja, u mhux biss għal dawk li jagħżlu dan is-suġġett. B'mod partikulari, għandha titfassal strateġija biex tagħmel it-teknoloġija iktar aċċessibbli għall-bniet.

## Edukazzjoni Terzjarja

102. Għandha tiġi studjata riforma tal-MATSEC b'mod li titnaqqas il-pressjoni żejda fuq l-istudenti.

103. Naqblu mas-sistema preżenti ta' l-istipendji, jiġifieri li jkun hemm parti stipendju u parti *grant*. Għandha tispiċċa kull diskriminazzjoni bejn *mature students* u studenti oħra f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istipendju.

104. Il-korsijiet tat-teoloġija u l-filosofija fl-Universita` ta' Malta għandhom ikunu ħielsa minn kull influwenza denominazzjonali.

105. L-Universita` għandha tkun aktar awtonoma. Dan jista' jseħħ jekk tonqos ir-rappreżentanza tal-Gvern u tiżdied dik ta' l-akkademiċi u l-istudenti fil-Kunsill. Għandha ssir elezzjoni diretta tar-Rettur ta' l-Universita` mill-membri kollha tal-korp akkademiku, tar-rappreżentanti eletti ta' l-istudenti fil-KSU u minn rappreżentanza xierqa tal-korp mhux akkademiku. Ir-Rettur għandu jwieġeb direttament għall-akkademiċi, ħaddiema u studenti.

106. Kull kors fl-Universita` għandu jkun b'xejn inklużi korsijiet *post graduate* bħall-MA u l-korsijiet ta' filgħaxija. Għandu jsir sforz biex l-Universita` ssir ċentru komunitarju.

107. Il-poteri limitati ta' l-Ombudsman għandhom jinfirxu u jissaħħu iżjed. Għandu jkun hemm sistema ta' lmenti li tkun iktar aċċessibbli u adekwata biex tiġi żgurata aktar *accountability*.

108. Il-*lecturers* għandhom ikunu *accountable* lejn l-istudenti u kull ħames snin l-*output* ta' tagħlim u riċerka għandu jiġi rivedut minn *reviewers* esterni u interni. Din ir-reviżjoni għandha tkun marbuta ma' l-għoti ta' *efficiency bar*. Fit-tmiem ta'

kull sena l-istudenti għandhom jingħataw iċ-ċans li jagħtu grad lill-għalliema/*lecturers* tagħhom.

109. Għandu jsir minn kollox biex titneħħa l-anomalija li teżisti bejn il-korsijiet offruti fl-istituzzjonijiet post sekondarji meqjusa bħala akkademiċi u l-MCAST. Hija inġustizzja kbira li kull min hu kwalifikat u japplika għal kors fl-istituzzjonijiet ‘akkademiċi’ jiġi aċċettat, filwaqt li għal ċertu korsijiet bħall-inġinerija u l-IT fl-MCAST, jiġu aċċettati biss numru żgħir ta’ studenti. L-infiq fis-settur post-sekondarju għandu jkun imqassam b’ġustizzja biex l-ebda kategorija ta’ studju ma titħalla f’sitwazzjoni diskriminata.

110. Għandha tingħata aktar importanza lejn l-aspett emottiv u ta’ kura ħolistika ta’ l-istudenti fil-qasam post-sekondarju. Fiż-żmien meta l-Junior College ġie abbinat ma’ l-Universita`, tista’ tgħid li ġew żarmati ħafna għodda li kienu siewja f’dan ir-rigward, b’mod li l-istudenti saru ftit iktar minn numri mehdija f’telliqa għaċ-ċertifikati.

## Edukazzjoni ta’ l-Adulti

L-edukazzjoni hi proċess kontinwu li ma jiqafx kif wieħed jispiċċa mill-iskola.

111. Kull persuna, ta’ kull eta`, għandha tingħata l-possibilita` li titgħallem snajja’ u suġġetti ġodda differenti minn dak li tħarrġet għalih inizjalment. Dan għandu jkompli jinkiseb permezz ta’ l-iżvilupp ta’ sistema ta’ *evening classes* f’kull livell f’ħinijiet flessibli mad-dinja tax-xogħol.

112. Partijiet ta’ l-iskola għandhom ikunu akkoljenti għal programmi ta’ edukazzjoni speċifikament ta’ l-adulti.

113. L-Universita`, l-MCAST u istituzzjoniijiet post-sekondarji oħra għandhom joffru varjeta` ta’ korsijiet ta’ filgħaxija li ma jkunux marbuta ma’ terminu fiss ta’ żmien. L-Universita` għandha tinfetaħ għal numru akbar ta’ studenti adulti billi toffri aktar korsijiet kemm fuq bażi *staggered* (eż. degree fuq *bażi part time* matul il-ġurnata) kif ukoll wara l-ħamsa ta’ filgħaxija.

114. Għandu jkun hemm ukoll sistema ta’ self/għotjiet għal persuni li jkollhom bżonn perjodi itwal ta’ studju. Fid-dinja tax-xogħol għandu jkun hemm rikonoxximent akbar għall-ħaddiema li javvanzaw fl-istudju u t-taħriġ tagħhom.

115. Għandu jkun hemm *leave* edukattiv bi ħlas. Id-dritt għal dan il-*leave* għandu jkun mhux biss għal skopijiet vokazzjonali iżda għall-edukazzjoni ta' l-impjegat f'sens wiesa'.

116. Il-kunċett ta' *distance learning* għandu jiġi nkoraġġit.

## Ekonomija

Il-viżjoni ekonomika tagħna hi waħda bbażata fuq l-inizjattiva u l-kreattivita` ta' kull Għawdxi u Malti li twassal għat-tkattir u t-tqassim ġust tal-ġid li jkun riżultat ta' żvilupp sostenibbli. Il-viżjoni ekonomika tagħna hi waħda li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' kulħadd, filwaqt li tqis il-ħarsien ta' l-ambjent bħala pern u mutur, mhux bħala x-xkiel ta' l-attivita` ekonomika. Malta għandha tkun ċentru ta' esportazzjoni bi *standards* ambjentali, soċjali u ekonomiċi għolja. Għalina, l-GDP waħdu ma jistax jitqies bħala l-uniku kejl tal-kwalita` tal-ħajja. Il-kejl tal-kwalita` tal-ħajja għandu jkun imżewweġ ukoll ma' fatturi soċjali u ambjentali.

## Ir-Rwol ta' l-Istat

Il-funzjoni primarja ta' l-istat għandha tkun waħda regolatorja. F'ħafna setturi l-funzjoni ta' stat regolatur tista' tiġi f'kunflitt mal-funzjoni ta' l-istat bħala attur ekonomiku. Ċerti monopolji ta' l-istat f'pajjiżna huma xempju ta' ħerba ambjentali u ksur sfaċċat tad-drittijiet tal-konsumatur. Biżżejjed wieħed iħares lejn il-Power Station tal-Marsa u l-impjant tal-Enemalta f'Birżebbuġa. Jidher li l-istat qed iżomm lura milli jirregolahom għax hu s-sid tagħhom.

117. L-istat għandu jiżgura li l-attivita` ekonomika tkun waħda ambjentalment sostenibbli, tirrispetta d-drittijiet tal-konsumatur filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tal-ġustizzja soċjali.

118. L-istat għandu jiggarantixxi li ċ-ċittadini kollha jgawdu minn servizzi bażiċi fis-saħħa, edukazzjoni, telekomunikazzjoni, toroq, trasport pubbliku u enerġija. L-istat għandu jiggarantixxi wkoll li kull ċittadin ikollu aċċess ħieles għall-kultura, l-isports u r-rikreazzjoni. L-istat għandu jiggarantixxi aċċess għall-ġid komuni, eż. arja nadifa, kosta, kampanja u spazji rikreattivi. Għandu jiżgura li dawn qatt ma jiġu monopolizzati jew imniġġża minn interessi privati.

119. Wieħed minn kull tliet ħaddiema jaħdmu mal-Gvern. Ikun jagħmel sens ekonomiku jekk dan is-settur jiċkien fejn hemm bżonn, isir aktar effiċjenti filwaqt li jattira fih ħaddiema motivati u kwalifikati. Dan għandu jsir permezz ta' ristrutturar li jinkludi inċentivi għat-tisħiħ ta' programmi ta' taħriġ sabiex il-ħaddiema kollha tal-gvern ikunu qed jagħmlu xogħol utli. L-iżvilupp ta' ko-operattivi fost il-ħaddiema tas-settur pubbliku huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. Huwa essenzjali li l-*management* fis-settur pubbliku għandu jkun wieħed professjonali. Dan kollu għandu jsaħħaħ il-kapaċita` amministrattiva tas-servizz pubbliku, sabiex id-dritt għal servizz effiċjenti u r-rwol ta' regolatur li jipproteġi kull settur fis-soċjeta` Maltija, speċjalment dawk l-iktar dgħajfa jew vulnerabbli, ikunu mħarsa.

## Agrikultura

L-agrikultura hi parti importanti minn kull ekomomija moderna. (Ara il-kapitlu dwar l-agrikultura)

## Tarznari

120. Naqblu mar-ristrutturazzjoni li għaddejja bħalissa f'dan is-settur b'mod li jonqos in-numru tal-ħaddiema permezz ta' skemi ta' rtirar kmieni kif ukoll *retraining* eventwali tal-ħaddiema. Is-sussidji għandhom jonqsu tul medda qasira ta' żmien sakemm jispiċċaw. It-tarzna għandha tiddiversifika l-ħidma tagħha f'setturi oħra li mhux bilfors għandhom x'jaqsmu mat-tiswija tal-vapuri. Dan jista' jsir billi jinħolqu entitajiet ġodda u separati mit-tarzna nnifisha.

121. Filwaqt li tiġi riżolta l-problema finanzjarja tat-tarzna, għandu jiġi żgurat li jiġu ngaġġati apprentisti ġodda li jiżguraw kontinwita` fir-rikkezza ta' snajja' li teżisti fit-tarzna.

122. It-tarzna għandha titmexxa minn *management* professjonali.

123. Il-*Malta Shipbuilding* u t-Tarzna għandhom isiru entita` waħda.

## Privatizzazzjoni

124. Il-proċess ta' privatizzazzjoni m'għandux ikun immirat biss biex jagħmel tajjeb għan-nefqa rikorrenti tal-gvern, iżda parti sostanzjali tad-dħul mill-privatizzazzjoni għandu jiġi investit fir-ristrutturar tas-servizz pubbliku, fi programmi ta' taħriġ u f'infrastruttura li żżid l-effiċjenza tas-settur pubbliku.

125. L-impatt soċjali u ambjentali ta' kull privatizzazzjoni għandu jkun meqjus. Il-gvern għandu jimponi kundizzjonijiet u obbligi soċjali u ambjentali fuq il-privat li jixtri kumpaniji pubbliċi.

126. Is-saħħa, l-edukazzjoni, l-enerġija u servizzi li minħabba n-natura soċjali tagħhom qatt ma jistgħu jħallu profitt għandhom ikunu amministrati minn aġenziji pubbliċi. Il-*management* ta' dawn l-entitajiet għandu jkun wieħed effiċjenti u professjonali. Dawn l-aġenziji għandhom ikunu kemm jista' jkun awtonomi mill-gvern ċentrali li għandu jżomm rwol regolatorju. Ir-rwol tal-privat bħala sieħeb

f'dawn is-setturi għandu jkun inkorraġġit iżda l-privat qatt m'għandu jingħata s-saħħa li jkollu l-aħħar kelma fuq *policies* u għażliet etiċi f'dawn is-setturi.

## Settur Privat

127. Permezz ta' inċentivi fiskali u servizz ta' konsulenza, l-istat għandu jinkorraġixxi lil kull min joħloq negozji, industriji u servizzi li huma innovattivi b'mod partikolari dawk l-attivitajiet ekonomiċi mmirati għall-esportazzjoni u dawk li jtejbu l-kwalita` tal-ħajja tal-Maltin.

128. L-IPSE għandha jkollha l-mekkaniżmi neċessarji biex tevalwa l-viabilita` ta' proġetti ġodda mis-settur privat li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal garanziji mill-Gvern fuq self mill-banek.

129. Il-ħarsien ta' l-ambjent joħloq ix-xogħol u n-negozju. Eżempji ċari ta' dan huma l-industriji marbuta ma' sorsi ta' enerġija alternattiva u industriji marbuta ma' l-imaniġġjar ta' l-iskart. Is-settur privat għandu jiġi mħeġġeġ jinvesti f'dawn l-oqsma. Dan għandu jsir permezz tat-tneħħija ta' ostakli bħall-monopolju tal-Enemalta.

130. Il-gvern għandu jħeġġeġ lill-SMEs jaħdmu aktar flimkien billi jaqsmu riċerka, kapital u riżorsi umani biex ikunu aktar kompetittivi.

131. Il-burokrazija żejda hi xkiel serju għan-negozju u għandha titnaqqas kemm jista' jkun. Dan jista jsir b'metodu ta' *one stop shop* li jiffranka l-ħin u l-burokrazija żejda. L-*e government* huwa strumentali f'dan is-settur.

132. Malta m'għandiex tibqa' tattira investiment ibbażat fuq *cheap labour* iżda, permezz tat-tisħiħ ta' l-istrutturi edukattivi tal-pajjiż, għandha tattira investiment bi *standards* soċjali u ambjentali ta' livell Ewropew.

133. Is-settur privat għandu jiġi mħeġġeġ jaddotta sistemi ta' *management* aktar demokratiċi li jinvolvu l-ħaddiema u l-komunitajiet lokali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

## Kostruzzjoni

134. L-industrija tal-kostruzzjoni qed toħloq żbilanċ fl-ekonomija għax qed tikkonsma r-riżorsi limitati kemm finanzjarji kif ukoll naturali ta' pajjiżna. Dan qiegħed joħloq bużżieqa finanzjarja li jista' jkollha konsegwenzi serji fis-settur

finanzjarju. L-investiment f'dan is-settur għandu jiġi kemm jista' jkun ridirett lejn it-tiġdid ta' bini eżistenti u f'industriji oħra.

## Monopolji

L-istat għandu jkattar il-kompetizzjoni billi jiskoraġixxi l-monopolji. Dan sabiex iċ-ċittadin jinqeda aħjar u l-ispejjeż ta' l-industrija jitnaqqsu.

135. Sa fejn huwa possibli l-ebda kumpanija m'għandu jkollha *share* predominanti tas-suq. Dan għandu jsir permezz ta' liġijiet ta' *Anti Trust* u l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta. Dan ta' l-aħħar għandu jisaħħaħ għal dan il-għan.

136. Il-monopolji f'setturi bħall-ħaddiema tal-port, *taxis*, trasport pubbliku, trasport bejn Malta u Għawdex, deffiena u setturi oħra għandhom jintemmu minnufih sabiex il-pubbliku jibda jinqeda aħjar u jibda jħallas anqas għal dawn is-servizzi.

## Enerġija

Huwa fatt magħruf li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma se jkomplu jiżdiedu minħabba t-tendenza tal-prezz taż-żejt li jkompli jogħla frott l-iskarsezza ta' din it-tip ta' enerġija fid-dinja. Dan ifisser li s-sussidji li s'issa gawda minnhom il-konsumatur Malti se jkomplu jonqsu. L-uniku mod kif wieħed se jkun jista' jiffranka hu permezz tal-użu ta' sorsi ta' enerġija ġodda-dawk l-għejun ta' enerġija bla tarf li jiġġeddu, bħax-xemx u r-riħ.

Il-ħtiġijiet ekonomiċi u l-kumdita` li drajna bihom jirrekjedu kwantitajiet kbar ta' enerġija. Jekk din id-domanda tintlaħaq mingħajr għaqal ambjentali se nkomplu naraw żjieda fil-mard, fit-tniġġiż u saħansitra l-għarar fid-dinja. Il-bidla fil-klima tad-dinja minħabba l-effett serra tista' tħalli effett devastanti fuq il-Gżejjer Maltin. Bajjiet popolari u bliet u rħula mal-kosta u oħrajn f'livell baxx mal-baħar jafu jgħosfru bil-mod taħt il-livell ta' l-ilma. F'dan il-kuntest, Malta għandha tibda tħaddem mill-iktar fis il-Konvenzjoni ta' Kyoto fuq il-bidla fil-klima hekk kif din tidħol fis-seħħ. L-għaqal ambjentali jitlob trażżin fil-ħela ta' l-enerġija filwaqt li l-ġenerazzjoni ta' enerġija minn sorsi bla tarf, sa fl-aħħar tibda tittieħed bis-serjeta`.

137. Malta għandha xorti tajba li titbaskat fix-xemx u mżejna bir-riħ. Minkejja dan bħalissa niddependu għal kollox mill-enerġija impurtata. Dan ifisser emoroġija ta' miljuni ta' liri fis-sena għal enerġija li tniġġeż u li ma tiġġeddidx.

138. Għandna nitgħallmu minn pajjiżi ġirien Mediterranji tagħna, fosthom Ċipru u Israel. Permezz ta' l-użu ta' solar panels fuq id-djar pajjiżna jaf jiffranka madwar 20% ta' l-enerġija li tintuża fid-dar. L-introduzzjoni ta' pjanċi fotovoltaiċi fuq bjut ta' djar, lukandi, fabbriki u negozji, jkun mezz ieħor kif id-dipendenza ta' pajjiżna fuq iż-żejt tonqos.

139. It-teknoloġija ġdida ta' l-enerġija mir-riħ tippermetti li pajjiż bħal Malta jista' jiġġenera parti sinifikanti mill-ħtiġijiet tiegħu permezz ta' mtieħen tar-riħ. Pajjiż bħad-Danimarka, fis-snin li ġejjin, se jibda jipproduċi 20% tal-ħtiġijiet enerġetiċi tiegħu b'dan il-mod. Tkun ħasra u ħela kbira jekk pajjiżna jdum jaħsibha iktar f'dan il-qasam.

140. L-iskart organiku hu għajn ta'enerġija li għadna ma sfruttajniex. Il-gassijiet li jistgħu jinġabru mid-drenaġġ u minn fdalijiet ta' ħxejjex jistgħu jintużaw biex jiġġeneraw l-enerġija b'teknoloġija relattivament sempliċi.

141. Għandu jkun hemm miżuri fiskali li jservu bħala inċentiv għal min juża sorsi ta' enerġija bla tarf. (Ara l-kapitlu fuq il-politika fiskali).

142. L-Awtorita` tar-Riżorsi għandha tisaħħaħ u għandha tkun awtonoma mill-istat. Din l-awtorita` għandha tħaddan rappreżentati tas-soċjeta` ċivili u korpi professjonali esperti f'dan il-qasam. Is-settur enerġetiku għandu jiġi liberalizzat b'mod li operaturi privati jkunu jistgħu joperaw f'dan is-settur speċjalment fil-kamp ta' għejjun ta' enerġija bla tarf.

## Konservazzjoni tal-enerġija

143. Għandu jkun hemm servizz ta' *Energy Audit* fejn jingħata parir fuq kif tista' tiġi ffrankata l-enerġija fil-bini kemm jekk eżistenti u kemm jekk qed jinbena. Min jieħu ħsieb li ma jaħlix enerġija għandu jgawdi minn inċentivi finanzjarji.

144. Kull bini ġdid għandu jkun marbut b'regolamenti li jiżguraw anqas ħela ta' enerġija.

## Ħruq Nadif

145. Minkejja li għandna nnaqsu d-dipendenza tagħna fuq iż-żejt dan is-sors ta' enerġija se jibqa' magħna. Għalhekk huwa importanti li l-*power stations* jieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex l-effetti ta' dannu minħabba l-ħruq taż-żejt jitnaqqas kemm jista' jkun. Bħalissa l-ispiża li l-gvern qed 'jiffranka' f' nuqqas ta' teknoloġija avvanzata qed jispiċċaw iħallsuha dawk li qed jimirdu minħabba t-tniġġiż.

146. L-Awtorita` tar-Riżorsi għandha tieħu ħsieb il-monitoraġġ ta' l-arja sabiex tiġi żgurata s-saħħa tan-nies u l-impenji internazzjonali ta' pajjiżna dwar il-klima.

147. L-istrateġija nazzjonali dwar l-enerġija għandha titfassal bil-ħsieb li l-*power station* tal-Marsa tingħalaq f'terminu fiss ta'żmien.

## Tniġġiż mid-dawl

It-tniġġiż mid-dawl (light pollution) kiber sew f'pajjiżna mis-snin ta' wara l-gwerra 'l hawn, kif ġara f'pajjiżi oħra. Madankollu dawn għarfu din il-problema u introduċew liġijiet, uħud minnhom stretti ħafna, sabiex jitnaqqsu l-problemi kawżati mit-tniġġiż mid-dawl. L-użu ta' dawl qawwi jfisser (a) ħela ta' enerġija (b) periklu għas-sewwieqa fit-toroq u għall-*pedestrians* minħabba l-*glare*, (ċ) tħarbit ta' l-abitat naturali notturn, speċjalment għal speċi ta' għasafar li jbejtu mal-kosta (d) telf tad-dehra sabiħa tas-sema bil-kwiekeb kif kienu jgawdu dari.

Għalhekk AD qed tipproponi li:

148. Disinjar aħjar ta' dwal f'ġonna pubbliċi, favur l-użu ta' *dawl full cut-off,* fejn id-dawl imur 'l isfel biss.

149. Impenn mill-Enemalta favur dawl *full cut-off* biss għal dawl ġdid fit-toroq (*streetlighting*), kif qed isir f'ħafna pajjiżi oħra.

150. Tkomplija ta' skemi ta' *Dark-Sky Heritage Areas*; postijiet imwarrba fejn jiġu applikati regolamenti favur il-ħarsien ta' l-ambjent notturn.

151. AD tappella lid-Dipartiment tas-Saħħa biex jipprovdi informazzjoni dwar l-impatt tad-dawl artifiċjali fuq is-saħħa tal-bniedem.

## Faċilita` Korrettiva

L-iskop tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin għandu jkun dak ta' rijabilitazzjoni. Dan jiżgura li l-faċilita` ma sservix bħala universita` ta' kriminalita` fejn min jidħol fiha joħroġ agħar minn meta jkun daħal, iżda post fejn wieħed isib possibilitajiet ta' xogħol, taħriġ u programmi ta' edukazzjoni u integrazzjoni soċjali.

152. Persuni li jagħtu prova li qed isegwu programm ta' rijabilitazzjoni b'suċċess għandhom jingħataw faċilitajiet bħal possibilta ta' studju, taħriġ u xogħol barra mill-faċilita` korrettiva, kif ukoll żjarat kontrollati fid-djar tal-familja tagħhom. Dawn il-faċilitajiet ikunu jistgħu jitneħħew f'każ ta' mġieba ħażina jew abbuż.

Il-residenti tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin:

153. Għandu jkollhom id-dritt tal-vot.

154. Id-dritt li waqt il-ħin tal-viżti jiltaqgħu mal-partner tagħhom b'mod privat fil-ħabs stess.

155. Postijiet ta' detenzjoni bħall-ħabs u l-post fejn jinżammu l-immigranti illegali għandhom ikunu taħt l-iskrutinju kontinwu tas-soċjeta` ċivili billi din tingħata aċċess sħiħ għan-nies miżmuma f'dawn il-postijiet u b'hekk ikollha ċ-ċans tiddokumenta l-kundizzjonijiet f'dawn il-postijiet. Dan il-pass għandu jżid fl-*accountability* ta' min imexxi dawn il-postijiet..

156. Għandu jinħatar *ombudsman* fil-ħabs li jkollu aċċess għal dak kollu li jiġri fil-ħabs.

157. Għandu jkun hemm il-possibilita` ta' reviżjoni tas-sentenza fuq rakkomandazzjoni tad-diriġenti tal-programm ta' rijabilitazzjoni.

158. Kull fejn hu possibbli flok pieni ta' ħabs għandhom jingħataw pieni ta' servizz fil-komunita`.

159. Parti importanti mill-proċess ta' rijabilitazzjoni għandha tkun li min jinstab ħati ta' reat jikkumpensa lill-vittmi tar-reat. Dan il-kumpens jista' jkun wieħed dirett lejn il-vittma nnifisha jew f'forma ta' servizz fil-komunita` f'każ ta' reati li

jolqtu s-soċjeta` kollha kemm hi. Għandu jkun hemm programmi li jgħinu fir-rikonċiljazzjoni bejn il-vittma u min ikun ikkommetta r-reat.

## Familja

Alternattiva Demokratika tagħraf l-importanza tal-familja fis-soċjeta` Maltija. Ħafna mill-ġid, materjali u mhux, li jinħoloq fis-soċjeta` Maltija, hu frott il-ħidma tal-familji Maltin u Għawdxin. Il-politika soċjali ta' Alternattiva Demokratika tirrikonoxxi diversi tipi ta' familja li jeżistu fis-soċjeta` Maltija u tħares id-drittijiet u l-obbliġi ta' l-individwi li jikkomponu dawn il-forom diversi ta' familji.

## Għajnuna lill-familja

Alternattiva Demokratika temmen li l-istat għandu jgħin lill-familji biex ikunu aktar integrati fis-soċjeta` permezz ta' qafas soċjali, strutturi komunitarji u servizzi soċjali addattati għar-realtajiet soċjo-ekonomiċi tal-lum. Għal dan il-għan Alternattiva Demokratika tipproponi:

160. It-twaqqif ta' *day care centres* f'kull lokalita`. L-istat għandu jiżgura li l-prezz għall-użu ta' dawn iċ-ċentri jkun raġonevoli u aċċessibbli għal kulħadd, filwaqt li jkunu mmexxija minn nies imħarrġa apposta.

161. Il-*parental leave* għandu jkun mill-inqas l-istess bħal dak mogħti fil-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea. Għandu jkun hemm *leave* għall-ħaddiema li jridu jieħdu ħsieb anzjani u persuni b'diżabilita`.

162. Għadhom jiġu appoġġjati sistemi ta' *job sharing* u *flexitime* biex jgħinu fl-integrazzjoni tal-ġenituri fid-dinja tax-xogħol, filwaqt li jibqgħu jieħdu ħsieb effettiv tal-familji tagħhom.

163. Għandu jiġi nkoraġġit it-twaqqif ta' ko-operattivi tal-konsumaturi li jipprovdu servizzi komunitarji bħal *day care centres*, ċentri rikreattivi fil-komunita`, *canteens,* servizzi ta' tindif tad-djar, fost oħrajn.

164. Is-*social workers* għandhom jingħataw għarfien professjonali bħal professjonisti oħra. Dan jgħin biex ikun rikonoxxut aktar is-servizz professjonali ta' din il-kategorija ta' ħaddiema fil-qasam soċjali.

165. Għandu jkun hemm *family planning centre* ta' l-istat biex jgħin persuni u koppji biex jippjannaw il-ħajja sesswali u familjari tagħhom.

## Divorzju

(ara punti numru 181 u 182)

## Koabitazzjoni

166. L-istat għandu jirrikonoxxi d-drittijiet u l-obbliġi ta' koppji li jkunu ilhom jgħixu flimkien għal perjodu ta' aktar minn 3 snin.

167. It-tfal li jitwieldu minn ġenituri mhux miżżewġa għandhom ikollhom l-istess drittijiet bħal tfal oħra u għandha titneħħa kull distinzjoni bejniethom u tfal oħra.

## Familji b'ġenitur wieħed

168. L-inklużjoni ta' dawn il-persuni fis-soċjeta` Maltija għandha tkun priorita` nazzjonali. Dawn il-familji għandhom jingħataw sussidju fuq l-użu ta' *day care centres* u għajnuna biex isibu dar fejn jgħixu. L-ETC għandha torganizza korsijiet speċjali ta' taħriġ biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jsibu xogħol filwaqt li jiġu pprovduti faċilitajiet bla ħlas biex waqt il-ħin tat-taħriġ dawn il-ġenituri jsibu fejn u ma' min iħallu t-tfal tagħhom.

## Koppji Omosesswali

169. Għandha titneħħa kull diskriminazzjoni bejn koppji eterosesswali u koppji omosesswali f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' *housing* u benefiċċji soċjali. Koppji omosesswali li jkunu ilhom jgħixu flimkien għal aktar minn 3 snin għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbliġi bħal koppji eterosesswali li jgħixu f'koabitazzjoni.

170. Qraba jew ħbieb li flimkien jikkostitwixxu *household* (eż. bint u omm anzjana, żewġ anzjani jgħixu flimkien għall-wens, eċċ.) għandu jkollhom l-istess drittijiet fejn jidħol *housing* u benefiċċji soċjali bħal koppji eterosesswali li jgħixu f'koabitazzjoni.

## Adozzjoni

171. Għandu jkun aktar faċli għal koppji li jkunu jridu jadottaw tfal li llum jgħixu fid-djar tat-tfal. Fejn dan ma jkunx possibbli, għandu jkun inkorraġġit iktar il-*fostering*. F'każi serji bħal abbandun permanenti u abbuż fiżiku u mentali, il-ġenituri naturali għandhom jitilfu l-*parental rights* tagħhom, liema drittijiet jgħaddu lill-koppji adottivi.

172. Tfal adottati għandu jkollhom id-dritt legali li jkunu jafu li jkunu adottati.

173. Malta għandha tirrispetta l-obbligazzjonijiet internazzjonali tagħha biex tiżgura li l-ebda ċittadin Malti ma jkun qed jagħmel negozju minn tfal f'pajjiżi oħra għal skop ta' adozzjoni, traffikar ta' organi jew abbużi oħra. Malta għandha tagħmel trattati ma' pajjiżi oħra biex tirregola dan il-qasam.

## Drittijiet tat-tfal

It-tfal għandu jkollhom dritt għall-kenn, ikel, kura medika, edukazzjoni u trobbija ħielsa mill-vjolenza u l-abbuż. Għandu jkun hemm rimedji legali biex tittieħed azzjoni kontra dawk kollha li ma jirrispettawx dawn id-drittijiet. Iċ-*Charter* tad-Drittijiet tat-Tfal tal-Ġnus Maqgħuda għandu jiġi applikat u rikonoxxut.

Is-sistema edukattiva għandha tkun waħda sħiħa li tinkludi l-aspetti emozzjonali, fiżiċi u psikoloġiċi u mħux biss l-aspett akkademiku. (Ara il-kapitlu dwar l-edukazzjoni).

174. It-tfal għandhom jiġu protetti minn kwalunkwe tip ta' sfruttament kummerċjali.

175. Għandu jithejja qafas leġislattiv li jipproteġi t-tfal mill-isfruttament sesswali inkluż il-pedofilija fuq l-*internet*.

176. Malta għandha taħdem favur l-abolizzjoni taċ-*child labour* fid-dinja kollha, filwaqt li jsir kontroll fuq l-importazzjoni ta' prodotti li jkunu r-riżultat ta' dan l-isfruttament.

177. Għandu jkun hemm infurzar akbar tal-liġijiet li jipproteġu lit-tfal minn xogħol taħt l-eta`. Għal ċerti tfal, ix-xogħol taħt l-eta` qed jispiċċa jillimitalhom ħafna mill-possiblitajiet f'ħajjithom.

## Vjolenza Domestika

Il-vjolenza taħt is-saqaf tad-djar f'Malta ġiet ittraskurata wisq. Dan qed iwassal għal numru ta' traġedji inviżibbli fis-satra ta' ħafna djar f'pajjiżna. Fid-dawl ta'dan:

178. Għandhom jinstabu aktar postijiet sikuri biex iservu ta' kenn għall-vittmi ta' vjolenza domestika. Il-gvern għandu jieħu r-responsabbilta` li jipprovdi

akkomodazzjoni temporanja u immedjata għall-vittmi li jaħarbu mid-dar tagħhom. Il-vittmi ta' vjolenza domestika għandhom jingħataw għajnuna finanzjarja u protezzjoni xierqa fl-immedjat u fl-istess ħin jingħataw is-saħħa tal-liġi biex jerġgħu jieħdu pussess tad-dar tal-familja tagħhom. F'każ ta' nuqqas ta' finanzi, il-vittmi ta' vjolenza domestika għandhom jingħataw għajnuna legali b'xejn.

179. Il-pulizija għandu jkollha sezzjoni ddedikata apposta biex tiżgura protezzjoni għal dawn il-persuni u għal uliedhom.

180. L-istupru (inkluż dak fiż-żwieġ) għandu jitqies bħala offiża kontra l-persuna u ma jibqax offiża kontra l-morali.

## Divorzju

Il-Liġijiet ta’ Malta ffissaw il-kundizzjonijiet għall-għarfien tad-divorzju bl-Att dwar iż-Żwieġ ta' l-1975. B'din il-liġi, il-qrati Maltin jagħrfu u jagħtu effett legali sħiħ lil dawk id-deċiżjonijiet ta' qrati barranin li wara li jirregolaw is-separazzjoni bejn il-miżżewġin, jagħtuhom ukoll d-dritt li jerġgħu jiżżewġu. Il-qrati Maltin, għal dawn l-aħħar sebgħa u għoxrin sena, taw effett sħiħ lil dawn id-deċiżjonijiet ta' qrati barranin ukoll meta il-miżżewġin ikunu Maltin u miżżewġin f'Malta.

Il-fatt li ebda qorti Maltija m'għandha setgħa tagħti dritt lil min jissepara li jerġa’ jiżżewweġ, ma żammx milli jibqgħu jiżdiedu kull sena s-separazzjonijiet. Dan in-nuqqas wassal biex ġew iffurmati diversi familji mhux regolati mil-liġi u għalhekk esposti għal inġustizzji soċjali, partikolarment fir-rigward tat-tfal. Dan l-istat ta' fatt wassal biex Alternattiva Demokratika, sa mill-1992, taħdem sabiex il-qrati Maltin jingħataw is-setgħa biex mhux biss jirrikonoxxu d-divorzju mogħti minn qrati barranin iżda wkoll biex huma jkollhom is-setgħa jagħtu dan id-dritt lil min jitolbu f'Malta. Il-qagħda mwiegħra tal-pajjiż f'dan il-kamp għarfuha wkoll il-partiti l-oħra bil-wegħda tal-Partit Laburista li jniedi referendum dwar id-divorzju u bil-wegħda li ma nżammitx tal-Partit Nazzjonalista li jgħaddi liġi biex tirregola r-relazzjoni ta’ l-imsieħba fil-konkubinaġġ.

Alternattiva Demokratika tagħraf illi r-reliġjon Kattolika ma tippermettix id-divorzju u għalhekk kwalunkwe tibdil fil-liġi ma jkollux effett fuq min jagħżel li jibqa' marbut skond ir-reliġjon. L-Alternattiva Demokratika tagħraf ukoll li l-projbizzjoni tad-divorzju qed tissarraf f’moħqrija inġustifikata fuq min mhux Kattoliku, min qatt ma kien Kattoliku u min m'għadux Kattoliku. Alternattiva Demokratika ttenni li din hi kwistjoni li trid tiġi ttrattata skond il-kuxjenza personali f'għażla sħiħa. Għaldaqstant, mhumiex biss il-partijiet f'separazzjoni li għandu jkollhom il-liberta` kollha li jeżerċitaw dan id-dritt. Anke l-ġudikanti għandha titħallilhom il-liberta` li jiddeċiedu dwar l-effett tal-liġi taż-żwieġ, inkluż id-dritt tal-ġudikant li jirrekuża ruħu f'każ ta’ talba għad-divorzju.

Alternattiva Demokratika temmen li persuni li ż-żwieġ tagħhom ikun intemm minħabba ċ-ċirkustanzi tal-ħajja għandu jkollhom id-dritt jibnu familja ġdida.

181. Naqblu ma’ l-introduzzjoni tad-divorzju bħala dritt ċivili li jingħata wara 3 snin wara d-data li fiha tiġi ppreżentata s-seperazzjoni.

182. L-istat għandu jipprovdi għajnuna ta' *counselling* għal dawk li jkunu għadejjin minn dawn id-diffikultajiet.

## Flora u Fawna

In-natura żejnet lil Malta b'eluf ta' speċi ta' annimali u pjanti. Il-ħasra hi li dan il-patrimonju m'ħuwiex imħares b'mod effettiv anke minħabba l-qirda ta' l-abitat li fihom jgħixu dawn il-ħlejjaq. Huwa d-dmir tal-Maltin ta' llum biex jgħaddu dan il-wirt bla mittiefes lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

183. L-imkejjen fejn jgħixu dawn il-ħlejjaq għandhom ikunu imħarsa minn kull żvilupp qerriedi. Sabiex il-kampanja titgawda minn kulħadd mingħajr ħsara għan-natura għandhom jinbnew mogħdijiet fil-kampanja.

184. Sabiex jiġu protetti l-ispeċi ta' l-għasafar u sabiex il-kampanja titgawda minn kulħadd mingħajr periklu, il-kaċċa għandha tiġi gradwalment abolita. Fl-immedjat il-kaċċa fir-Rebbiegħa għandha ssir illegali. Għandhom jiżdiedu l-ispazji li fihom ma tistax issir kaċċa, fost l-oħrajn minn toroq sekondarji.

185. Għandhom jiġu stabiliti aktar riservi naturali kemm fuq l-art u kemm fil-baħar. F'dawn ir-riservi għandu jkun hemm wardens li jieħdu ħsieb li ma ssirx ħsara lill-ambjent u lill-ħlejjaq li jgħixu f'dawn ir-riservi.

## Għawdex

Għawdex għandu l-identita` soċjali, ekoloġika, kulturali u ekonomika partikolari tiegħu. Din l-identita` distinta jixirqilha l-ħarsien kollu possibbli. Mill-banda l-oħra, għandhom jittieħdu f'konsiderazzjoni l-iżvantaġġi ta' gżira doppjament iżolata speċjalment fejn jidħlu t-trasport u l-komunikazzjoni.

186. Għandu jiġi ffurmat Kunsill Reġjonali kompost mis-sindki ta' kull kunsill lokali f'Għawdex u minn rappreżentanti tal-Gvern. Dan il-Kunsill Reġjonali għandu jkollu s-setgħa li jqassam il-baġitt allokat għall-gżira Għawdxija, fil-qafas ta' politika nazzjonali.

187. Flimkien ma' l-Unjoni Ewropea għandhom jitniedu programmi għall-iżvilupp rurali li jsaħħu mhux biss il-qasam agrikolu fl-ekonomija Għawdxija iżda wkoll il-qasam turistiku bl-iżvilupp ta' l-agro-turiżmu.

188. Il-ħarsien tal-potenzjal turistiku u tal-kwalita` tal-ħajja f'Għawdex jitolbu li l-kampanja, il-wirt storiku u l-kosta Għawdxija jitħarsu minn żvilupp qerriedi u bla rażan. Għaldaqstant, proġetti insostenibbli li Għawdex ma jiflaħx għalihom, bħal pont bejn Malta u Għawdex, korsa tal-*golf* u *air strip*, fost oħrajn, m'għandhomx isiru.

189. It-trasport pubbliku f'Għawdex għandu jikkonforma mar-riformi li jsiru fil-pajjiż kollu.

190. Il-limitazzjonijiet frott ta' l-iżolament doppju ta' Għawdex jagħmlu l-iżvilupp ta' l-industrija ta' l-informatika addattat, anke minħabba l-impatt baxx ta' industrija bħal din fuq il-gżira.

191. It-turiżmu kulturali f'Għawdex għandu jitrawwem iktar.

192. Għandha ssir policy ċara li bini *highrise* ma jitħalliex isir. Dan biex il-pajsaġġ tipiku Għawdxi jitħares.

## Ġustizzja

Il-ġustizzja tibqa' ġustizzja biss jekk tingħata bla tnikkir. Alternattiva Demokratika tħaddan viżjoni ta' ġustizzja bbażata fuq distinzjoni ċara bejn il-poter eżekuttiv, il-poter leġislattiv u l-poter ġudizzjarju. Nemmnu f'ġustizzja li tpoġġi fuq quddiem il-ħarsien tad-drittijiet ta' l-individwu.

193. Il-maġistrati u l-imħallfin għandhom ikollhom il-ħin u l-faċilitajiet biex jagħmlu r-riċerka meħtieġa biex il-ġustizzja tabilħaqq titwettaq. Madankollu sistemi antikwati bħall-vaganzi fis-sajf għall-imħallfin u l-maġistrati huma inaċċettabli f'sitwazzjoni fejn ħafna nies idumu jistennew il-ġustizzja għal snin twal.

194. Biex id-dewmien jitnaqqas, għandu jiżdied in-numru ta' maġistrati u mħallfin. Għandu jkun hemm faċilitajiet oħra ta' arbitraġġ barra l-qorti fejn wieħed ikun jista' jsib rimedju għal kwistjonijiet personali, kummerċjali u familjari.

195. Il-politika mħaddna mill-gvern preżenti li jnaqqas il-każi pendenti permezz ta' żjieda fit-tarriffi tal-qrati tista' twassal għal inġustizzja soċjali billi tiżvantaġġa lil min ma jiflaħx iħallas. Għaldaqstant, dawn it-tariffi għandhom jitnaqqsu.

196. Fil-preżent, il-ħatra ta' maġistrati u mħallfin hi perogattiva tal-gvern tal-ġurnata. Sabiex jonqos l-indħil politiku, il-karriera fil-ġudikatura għandha tkun għażla ta' studju fija nfisha. Il-maġistrati jew imħallfin għandhom jilħqu skond il-merti tagħhom. Kull ħatra għandha tkun approvata mill-Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja li fih il-gvern m'għandux ikollu maġġoranza tal-membri.

197. Il-maġistrat inkwirenti għandu jkollu l-faċilitajiet effettivi biex jinvestiga fuq inizjattiva tiegħu u fuq rapporti tal-pubbliku fuq kwalunkwe kwistjoni ta' ksur tal-liġi.

198. Għandha tingħata lura l-fiduċja sħiħa lill-maġistratura billi kull kwistjoni ta' ksur tal-liġi tiġi investigata u deċiża biss fil-qrati u għalhekk kwistjonijiet ta' inġustizzja amministrattiva, korruzzjoni jew reati b'konnessjoni politika jkunu trattati fil-qrati kif isir f'kull pajjiż demokratiku.

199. Is-sistema tal-ġurija preżenti għandha tinżamm għax hi l-aktar waħda demokratika.

200. F'każ ta' verdett ta' innoċenza, il-ġurija għandha wkoll tiddeċiedi jekk l-akkużat għandux jingħata kumpens għaż-żmien li fih ikun inżamm il-ħabs u għall-ispejjeż tad-difiża.

201. Iż-żmien li wieħed jinżamm il-ħabs qabel il-ġudizzju mill-qrati, għandu jkun limitat u jintuża biss f'każi eċċezzjonali. Kull proċess għandu jibda wara ammont raġonevoli ta'żmien.

202. Għandu jiżdied il-koordinament bejn il-membri tal-ġudikatura biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm anomaliji fil-pieni f'każi li jinvolvu l-istess reat jew reati simili.

## Housing

Kwart tad-djar Maltin u Għawdxin huma vojta. Dan ifisser li ma jagħmilx sens li nkomplu nissagrifikaw iktar mill-ftit kampanja li fadlilna, f'isem l-hekk imsejjaħ żvilupp. Jeħtieġ politika li toħloq suq effettiv ta' postijiet tal-kiri. Biex dan iseħħ, jeħtieġ li (a) jitneħħew liġijiet antikwati li jxekklu s-suq kif ukoll (b) jittieħdu miżuri fiskali kontra l-ispekulazzjoni. Wasal iż-żmien li nieqfu nibnu u nużaw dak li għandna mibni diġa`.

203. Għandha tiġi lliberalizzata l-liġi tal-kera b'mod li jinfetaħ s-suq tal-kera u b'hekk ikunu jistgħu jiġu utilizzati aktar djar li llum jinsabu vojta. Hi ħaġa irrazzjonali li ċerti kirjiet għadhom kif kienu wara l-gwerra. Dan qed iwassal biex is-sidien jitilfu kull interess u jħallu l-post fi stat ta' abbandun. Il-liberalizazzjoni twassal biex il-kirjiet li sa issa huma kummerċjali jorħsu għax tikber il-provvista ta' djar.

204. Għandha tiġi introdotta *land hoarding tax* li permezz tagħha sidien li jżommu postijiet vojta għal skop ta' spekulazzjoni jibdew iħallsu taxxa sostanzjali. Sidien ta' villeġatura għandhom jiġu eżentati minn din it-taxxa. Din it-taxxa tgħin biex l-istokk kollu ta' bini fil-pajjiż ikun użat.

205. Għandu jkun hemm inċentivi fiskali għal min jagħżel li jixtri post fuq art li hi diġa` mibnija.

206. Għandu jkun hemm inċentivi għal min jirrestawra u jgħix f'postijiet fil-qalba ta' l-ibliet u l-irħula tagħna.

207. L-istat, fi sħubija ma' għaqdiet volontarji, għandu jkollu f'idejh numru ta' postijiet vojta li jintużaw f'każi ta' emerġenza u biex jilqgħu fihom nies li jispiċċaw bla dar.

208. Għandha ssir riforma fil-*housing* soċjali b'mod li jibbenefikaw biss mill-għajnuna soċjali dawk li verament għandhom dħul baxx.

## Komunikazzjoni

L-aċċess għall-informazzjoni huwa dritt ta' kulħadd. L-għodda għal dan l-aċċess qed jevolvu kontinwament. Għaldaqstant, hemm bżonn niżguraw aċċess universali għal dawn l-iżviluppi, inkella nirriskjaw li jkollna klassi ta' illitterati fl-informatika. Il-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni ġabu fix-xejn id-distanzi li tradizzjonalment kienu jifirdu nies minn oħra fid-dinja. Iżda proċess li jċekken id-distanzi bejn in-nies m'għandux jitħalla jkabbar id-distanzi soċjali bejn dawk li jikkomunikaw u dawk li ma jistgħux.

## Liberalizzazzjoni

209. Għandhom jitfasslu liġijiet biex l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tkun miftuħa għall-użu ta' diversi kompetituri. Il-kompetizzjoni f'dan is-settur għandha tinfetaħ għall-akbar ammont ta' kompetituri possibbli. Dan għandu jwassal għal servizz aħjar u prezzijiet orħos.

## Aċċess universali

210. Il-Kunsilli Lokali għandhom iżidu l-aċċess għall-kompjuters mgħammra b'servizz ta' *internet*. Il-gvern bl-għajnuna tal-kunsilli lokali, għandu jibda kampanja edukattiva dwar l-informatika bil-għan li l-akbar ammont possibbli ta' nies ikunu jafu jużaw din it-teknoloġija.

211. Persuni anzjani u persuni b'diżabilita` għandhom jingħataw għajnuna speċjali biex ikollhom aċċess għall-internet fid-djar tagħhom biex jilħqu livell aħjar ta' inklużjoni soċjali.

## e-government

212. Permezz ta' sistema effiċjenti ta' e-government iċ-ċittadin għandu jkollu aċċess għal kull dokument pubbliku u jkun jista' wkoll jinqeda permezz ta' l-internet flok jistenna fil-kjuwijiet tad-dipartimenti tal-Gvern.

## Privatezza

213. Għandu jkun hemm qafas leġislattiv u strett ħafna li jipproteġi l-privatezza tal-bniedem fuq il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni. Informazzjoni personali qatt m'għandha titħalla tgħaddi għand kumpaniji kummerċjali, partiti jew għand l-istat mingħajr il-permess tal-persuna li tuża dawn il-mezzi.

214. Kull persuna għandu jkollha dritt li tkun taf il-kontenut ta' l-informazzjoni kollha miżmuma fuqha fil-*files* ta' l-istat.

## Konsumaturi

Il-konsumatur għandu jkun protett minn leġiżlazzjoni enforzabbli u jkun dejjem infurmat b'mod sħiħ dwar il-prodott u s-servizz li jixtri. Biex dan il-għan jintlaħaq:

215. Id-direttivi ta'l-Unjoni Ewropea rigward l-*after sales services*, garanziji, is-sigurta` tal-prodott u l-użu ta' klawsoli inġusti f'kuntratt għandhom jidħlu fis-seħħ minnufih.

216. Naqblu ma' Dipartiment tal-Konsumatur li jkun imsaħħaħ aktar biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jwasslu l-ilmenti tagħhom, kif ukoll biex jingħataw pariri.

217. Għandu jkun hemm rappreżentanza ta' l-għaqdiet tal-konsumatur f'bordijiet ta' professjonisti li jirregolaw lilhom infushom permezz ta' bord intern.

218. Il-liġijiet dwar il-ħarsien tal-konsumaturi għandhom ikunu applikati wkoll fir-rigward tal-korporazzjonijiet pubbliċi, dipartimenti tal-gvern u kumpaniji kummerċjali kontrollati mill-gvern. F'kull dipartiment tal-gvern għandu jkun hemm sezzjoni għall-*customer care.*

219. Il-konsumaturi għandhom ikun jafu bil-miktub x'fihom il-prodotti li jixtru. Informazzjoni essenzjali bħal ingredjenti, struzzjonijiet u klawsoli f'kuntratt għandhom ikunu miktuba bl-ilsien Malti u b'mod li jinftiehem.

220. Għandna napplikaw id-direttivi ta' l-Unjoni Ewropea fuq it-tikkettar fejn jidħlu sigurta` u effett ambjentali.

221. Kull prodott impurtat li fih ingredjenti ġenetikament modifikati għandu jkollu tabelli speċjali.

222. Prodotti ta' l-ikel mkabbra b'mod organiku għandu jkollhom tikketta ta' garanzija li huma tassew organiċi.

223. Malta għandha tkun żona ħielsa mill-GMOs. Dan ifisser li l-ebda prodott ġenetikament modifikat ma jkun imkabbar jew manifatturat f'Malta. Ir-riċerka fil-qasam tal-GMOs għandha tkun regolata b'mod rigoruż. Fl-istess ħin għandu jiżdied l-investiment fi prodotti ta' l-ikel organiku.

224. Għandu jkun hemm infurzar serju fuq l-iġene permezz ta' iktar spezzjonijiet għall-għarrieda mid-Dipartiment tas-Saħħa. Kull post li jinstab taħt il-livell meħtieġ għandu jsofri mill-konsegwenzi li jistgħu jinkludu l-għeluq ta' l-istabiliment.

## Prezzijiet

225. F'kull ħanut il-prezzijiet u l-*best before/expiry dates* ta' prodotti u servizzi għandhom ikunu miktuba b'mod ċar u mingħajr qerq f'post prominenti.

## Riklamar

226. Għandu jkun hemm bord awtonomu li jiżgura li r-riklami jipprovdu informazzjoni korretta lill-konsumatur.

227. It-tfal huma l-iktar konsumaturi vulnerabbli għar-riklamar. Għaldaqstant, għandhom jiġu mfassla liġijiet li jipproteġu t-tfal minn reklamar u *marketing* ta' prodotti jew servizzi, spċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa tat-tfal fosthom il-*junkfood* b'livell nutrittiv baxx u l-qerq fl-użu ta' ġugarelli biex iħajruhom jikkunsmaw tali prodotti.

## Kultura u Rikreazzjoni

L-arti u l-kultura għandhom ikunu proċess inklussiv li fih jipparteċipa l-poplu kollu. Dan għandu jgħin fl-iżvilupp kreattiv ta' kull individwu, filwaqt li jkunu sors ta' divertiment u espressjoni ħielsa ta' l-individwu u l-komunita`. Għandu jkun hemm investiment għaqli fl-arti u l-kultura. Dan għandu jtejjeb ukoll il-prodott turistiku li joffri pajjiżna.

228. Għandha titwaqqaf Fondazzjoni Nazzjonali biex trawwem u tamministra l-iżvilupp artistiku, kulturali u arkitettoniku fil-pajjiż. Din il-fondazzjoni għandha tkun finanzjata minn lotteriji u minn taxxi fuq il-logħob ta' l-azzard. Din il-fondazzjoni għandha tinkludi l-parteċipazzjoni tal-NGOs, artisti u akkademiċi attivi fil-kamp tal-kultura u l-arti.

229. It-teatru l-imwaqqa' għandu jerġa' jinbena u għandu jservi bħala ċentru kulturali li jinkludi mużew permanenti ta' l-arti moderna, mużew dwar il-Belt Valletta u librerija multi medjali ta' referenza. Is-settur privat, li hu nvolut fil-kamp ta' l-arti bħal ċinema, kotba, diski u prodotti artistiċi, għandu jkun involut f'dan il-proġett.

230. Il-proġett ta' Bieb il-Belt li jinkludi t-teatru l-imwaqqa' għandu jiġi finanzjat billi jinħarġu ishma għall-pubbliku.

231. Għandha titwaqqaf diviżjoni fil-Ministeru tal-Kultura li tiffoka fuq l iżvilupp tat-talent u l-kultura mużikali. Id-definizzjoni ta' mużika għandha tinkludi mużika tradizzjonali, mużika klassika, mużika *rock* u mużika pop fost ġeneri oħra. Xogħol din id-diviżjoni jkun li tiprovdi faċilitajiet u spazji għal mużiċisti, il-ħolqien ta' sistema ta' *soft loans* biex tgħinhom jiżviluppaw, u l-promozzjoni ta' Malta bħala *venue* internazzjonali ta' mużika.

232. It-tradizzjonijiet kulinarji Maltin speċjalment dawk li jużaw prodotti tipiċi Maltin, għandhom jiġu kkultivati. Għal dan il-għan, għandu jitwaqqaf bord li jippromwovi l-ikel Malti.

233. Il-mużewijiet għandhom ikunu sors aktar attraenti ta' tagħrif għall-komunita` u attrazzjoni akbar għan-nies. Għandhom ikunu ċentri ta' attivita` marbuta mat-tema tal-mużew. Għandu jinħatar kumitat fi ħdan id-dipartiment tal-mużewijiet li jkun inkarigat mill-immodernizzar tal-mużewijiet li m'għandhomx jibqgħu sempliċi esibizzjoni ta' oġġetti, iżda jsiru lok ta' esperjenza interattiva mal-viżitatur. Is-settur privat u d-dinja akkademika għandhom ikunu involuti f'dan il-

proġett. Madankollu l-mużewijiet għandhom jibqgħu entita` pubblika. Il-*management* tal-mużewijiet għandu jkun wieħed professjonali.

234. Għandhom jiġu promossi mużewijiet dwar temi marbuta mal-kultura popolari bħal mużewijiet etnografiċi, mużewijiet industrijali u oħrajn li jiffukaw fuq l-istorja ta' gruppi u klassijiet soċjali li kienu mwarrba mill-istorjografija tradizzjonali, bħan-nisa, t-tfal, il-bdiewa u l-ħaddiema. Kull belt u raħal għandhom ikunu mħeġġa u mejjgħuna biex jistabilixxu mużewijiet lokali.

235. L-aċċessibilta` tal-mużewijiet għadha tiżdied qatigħ. Fost il-miżuri li jistgħu jittieħdu hemm flessibilita` ikbar fil-ħinijiet tal-ftuħ, ikunu b'xejn għat-tfal u għall-istudenti, u l-ftuħ nhar ta' Ħadd għal firxa usa' ta' mużewijiet, biex ikunu aċċessibli għan-nies li jaħdmu. Għandha tiġi introdotta sistema ta' *cards* li jinxtraw minn uffiċċji turistiċi u postijiet awtorizzati li permezz tagħhom wieħed ikun jista' jżur diversi mużewijiet b'*card* waħda.

236. Iċ-ċinema hi forma ta' arti li tista' tgħin biex tistabilixxi 'l Malta fuq il-mappa tad-dinja. Għandu jitwaqqaf Bord Nazzjonali tal-*films* li jippromovi *films* Maltin, anke barra minn xtutna. Dan il-Bord għandu jattira investiment minn barra mill-industrija tal-*films*. Dan jolqot żewġ għasafar b'ġebla waħda, għax iservi wkoll bħala investiment fit-turiżmu. Dan il-Bord għandu jesplora l-possibilita` li jiġi organizzat festival tal-*films* f'Malta.

237. Il-Bord taċ-Ċensura għandu jiġi sostitwit b'Bord ta' Klassifikazzjoni. Dan il-bord għandu jikklassifika films u produzzjonijiet artistiċi skond l-eta` u għandu wkoll joħroġ twissijiet dwar il-kontenut ta' dawn il-produzzjonijiet biex minn qabel ikun magħruf jekk il-film ikun fih xeni ta' vjolenza, eċċ. Għandu jsir inforzar serju sabiex it-tfal ma jiġux esposti għal materjal li ma jgħoddx għalihom.

## Wirt Storiku

Malta u Għawdex huma mogħnija b'wirt ta' 7000 sena ta' storja. Kemm it-tempji neolitiċi, kif ukoll il-Belt Valletta huma rikonoxxuti bħala postijiet li huma parti mill-wirt ta' l-umanita`. Dan jgħabbina lkoll b'responsabbilta` kbira lejn l-umanita` kollha inklużi l-ġenerazzjonijiet futuri biex nindukraw il-wirt storiku, kemm dak li nafu bih u kemm dak li għad jinstab. Alternattiva Demokratika taħdem biex isir investiment xieraq mill-gvern u mill-privat biex il-fama internazzjonali tal-wirt storiku Malti u Għawdxi titkattar. Dan għandu jgħin ukoll biex jiġu ġġenerati finanzi biżżejjed ħalli tingħata daqqa t'id fil-ħarsien ta' dan l-istess wirt storiku.

238. Il-Wirt Storiku għandu jiġi amministrat minn Fondazzjoni Nazzjonali li fiha jkun hemm il-parteċipazzjoni tal-gvern, akkademiċi, l-knisja, is-settur privat u

NGOs Maltin u internazzjonali. Din il-fondazzjoni għandha tkun finanzjata mill-qligħ li jsir mill-użu turistiku ta' dan il-wirt storiku.

239. Għandu jitnieda proġett ta' restawr tal-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-kosta ta' pajjiżna. Uħud minn dawn il-postijiet għandhom jintużaw għal skopijiet kulturali, sportivi u turistiċi bil-kundizzjoni li jitħarsu minn kull żvilupp zejjed filwaqt li jibqgħu aċċessibbli għall-pubbliku.

240. Is-sigurta` madwar il-postijiet storiċi għandha tkun waħda kontinwa u professjonali. Il-*wardens* ambjentali għandu jkollhom rwol f'dan il-qasam.

241. Postijiet storiċi għandhom jitmexxew minn *management* professjonali.

242. Il-Fondazzjoni Nazzjonali dwar il-Wirt Storiku għandha torganizza żjarat kulturali f'postijiet ta' importanza storika, fejn il-Maltin u l-Għawdxin ikollhom iċ-ċans japprezzaw u jitgħallmu dwar il-valur ta' dawn il-postijiet.

## Lingwa

L-ilsien Malti jipprovdi l-ħjut b'saħħithom fin-nisġa ta' l-identita` Maltija. Waqt li nagħrfu li l-lingwa hi proċess ħaj u b'hekk il-ħin kollu qed tinbiddel, intennu li hawn bżonn ta' ippjannar lingwistiku serju. Kliem li ġej minn lingwi oħra għandu jiġi assimilat fi struttura lingwistika li tagħmel sens.

243. Nagħrfu bħala akkwist importanti r-rikonoxximent tal-Malti bħala wieħed mill-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

244. Kull prodott għandu jkollu miktub fuqu struzzjonijiet u ingredjenti miktuba bil-Malti kif ukoll b'lingwi oħra.

245. Waqt li l-enfasi fuq l-Ingliż fis-sistema edukattiva għandha tkun waħda qawwija għax tiftaħ tieqa fuq id-dinja, l-Ingliż m'għandux ikun xkiel għall-akkwist ta' ħiliet u informazzjoni utli. Fid-dawl ta' dan, ċerti suġġetti bħall-matematika u x-xjenzi għandhom jiġu mgħallma u eżaminati b'mod bilingwi jiġifieri kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż.

## Xandir

Ix-xandir pubbliku għandu jipprovdi divertiment u informazzjoni u għandu jkun gwidat minn prinċipji bażiċi ta' etika. Is-sitwazzjoni fejn il-partit fil-gvern hu wkoll is-sid ta' stazzjon kompetitur ta' l-istazzjon nazzjonali hi waħda perikoluża u għalhekk għandu jiġi żgurat li l-istazzjon nazzjonali jitmexxa minn persuni professjonali u kemm jista' jkun indipendenti.

246. L-istazzjon nazzjonali PBS għandu jitmexxa minn Bord tad-Diretturi awtonomu mill-gvern. Dan għandu jinkludi rappreżentanti tas-soċjeta` ċivili u esperti fil-komunikazzjoni u *marketing*. Għandhom jittieħdu l-miżuri kollha biex l-istazzjon nazzjonali jibda jaħdem b'mod ekonomikament razzjonali.

247. Għandu jkun hemm kwota ta' kemm għandu jkun hemm riklami sabiex it-telespettatur ikun jista jgawdi programmi u *films* mingħajr wisq interruzzjonijiet. Għandu jkun hemm kontroll effettiv fuq riklamar li jixxandar waqt programmi tat-tfal. *Sponsorships* ta' prodotti ħżiena għas-saħħa bħal junk food għandhom jiġu projbiti fil-ħin ta' dawn il-programmi.

248. L-istazzjon edukattiv, għandu jkun ukoll sors ta' edukazzjoni għall-adulti u mhux biss għat-tfal. Dan għandu jiffoka fuq arti u kultura fis-sens wiesa' u inklussiv tal-kelma.

249. Għandu jkun hemm kodiċi ta' etika li tiggwida lill-produtturi ta' programmi televiżivi. Dan sabiex jonqsu messaġġi ta' razziżmu, vjolenza u stereotipi sesswali fil-media lokali.

250. L-Awtorita tax-Xandir għandha tkun tassew indipendenti, u mmexxija minn nies professjonali u rappreżentanti tas-soċjeta` ċivili.

251. Il-fatt li Malta hi l-unika post fl-Ewropa fejn il-partiti tradizzjonali huma wkoll is-sidien ta' stazzjonijiet tat-televiżjoni, għandu jwassal biex l-istazzjon nazzjonali jkun wieħed politikament indipendenti u li joffri spazju akbar lill-partiti u għaqdiet non-governattivi li m'għandhomx stazzjon tat-televiżjoni tagħhom. L-istazzjon nazzjonali għandu jibbilanċja sitwazzjoni ta' defiċit demokratiku fl-aċċess għall-media.

252. Biex jiżdied il-pluraliżmu fil-pajjiż il-liċenzja ta' radju nazzjonali li llum tammonta għal Lm7000 għandha tkun waħda aktar raġonevoli.

## Sports

L-isports għandu valur importanti kemm fl-iżvilupp tal-personalita` u s-saħħa individwali u kemm bħala attivita` li tgħaqqad il-komunita`. Għalhekk, l-isport għandu jkun aċċessibli għal kulħadd u mhux ristrett għal min jiflaħ iħallas għall-faċilitajiet.

253. Għandha titwaqqaf fondazzjoni li tamministra u ġġib 'il quddiem l-isport f'pajjiżna. Din għandha tkun iffinanzjata minn parti mill- flus li jinġabru minn ċerti lotteriji ta' l-istat u minn taxxi fuq il-logħob ta' l-azzard. Il-fondazzjoni għandha tinkludi fi ħdanha l-għaqdiet sportivi u persuni li taw konribut lill-iżvilupp ta' l-isports fil-pajjiż bħal eks-atleti u sportivi.

254. Għandu jsir titjib fil-faċilitajiet sportivi eżistenti.

255. Il-kunsilli lokali jew il-kunsilli reġjonali għandhom ikunu involuti fl-amministrazzjoni ta' faċilitajiet sportivi fi sħubija mal-*clubs* u l-assoċjazzjonijiet sportivi. B'hekk tingħata spinta lill-isport fil-livell ta' komunita` filwaqt li l-kunsilli lokali ġirien jibdew jaqsmu l-faċilitajiet sportivi fir-reġjun tagħhom. Permezz tas-sħubija tal-kunsilli lokali, il-pubbliku jibda jingħata l-opportunita` li jagħmel użu minn dawn il-faċilitajiet.

256. Assoċjazzjonijiet sportivi li ma jitolbux ħlas mill-ispettaturi għandhom jingħataw għajnuna finanzjarja mill-istat skond kriterji stabiliti.

257. L-edukazzjoni fiżika u l-isport għandhom jingħataw importanza akbar fl-iskejjel. Il-lezzjonijiet ta' l-edukazzjoni fiżika għandhom jingħataw kuljum u għandhom ikunu immirati biex jinkludu persuni b'abilitajiet differenti u mhux biss dawk li huma kompettitivi. Sports mhux kompettitiv li għandu valur għall-iżvilupp tal-persuna għandu jiġi mħajjar aktar.

258. Ir-reklamar tas-sigaretti f'attivitajiet sportivi għandu jsir illegali għax l-isports u t-tipjip m'għandhomx x'jaqsmu flimkien.

## Rikreazzjoni

Il-poplu għandu dritt għal spazji fejn jirrikrea ruħu. L-ispazji rikreattivi fil-pajjiż għandhom jiżdiedu u jkunu ħielsa minn perikli u riskji. Sabiex dan il-għan jintlaħaq:

259. Għandu jkun hemm aċċess sħiħ għall-kosta u l-kampanja. M'għandux jingħata permess għal aktar *beach concessions*.

260. Il-liġijiet li jħarsu l-għawwiema minn vetturi tal-baħar bħal *speedboats* u *jet skies* għandhom jiġu nfurzati u msaħħa sabiex l-għawwiema jkollhom aktar spazju fejn jgħumu. Dawn il-liġijiet għandhom jiġu nforzati f'kull post li hu aċċessibli għall-għawm u mhux biss fejn hemm bajjiet popolari.

261. Il-faċilitajiet ta' rikreazzjoni pubblika bħal *parks* u bajjiet għandhom ikunu mgħammra b'faċilitajiet ta' sigurta u ta' l-ewwel għajnuna.

262. Għandu jkun hemm infurzar sħiħ tal-liġijiet li jiżguraw li postijiet ta' rikreazzjoni pubblika jinżammu nodfa. Għandu jkun hemm *wardens ambjentali* li jinforzaw dawn il-liġijiet. Dawk li jħammġu għandhom iħallsu għall-ħsara kkawżata.

263. Fil-kampanja għandu jkun hemm mogħdijiet li jiżguraw aċċess għal min iħobb jimxi. F'postijiet ta' rikreazzjoni pubblika l-kaċċa għandha tiġi pprojbita matul is-sena kollha.

## Kunsilli Lokali

Alternattiva Demokratika-The Green Party taħdem biex fil-Kunsilli Lokali jkun hemm aktar demokrazija u parteċipazzjoni. Fil-Kunsilli Lokali l-AD tkompli l-ħidma kontinwa tagħha favur żvilupp sostenibli, l-ġustizzja soċjali u t-trasparenza f'kull qasam tal-ħajja.

AD timpenja ruħha:

264. Favur il-ħarsien tar-residenti minn kull sors ta' tniġġiż, storbju u ħmieġ. Kull stabiliment li joħloq storbju għandu jkun *sound proofed*.

265. Favur it-twaqqif ta' *Citizens' Advice Bureau* li joffri pariri b'xejn liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom f'oqsma bħad-drittijiet tal-konsumatur. Dan il-*bureau* għandu jilqa' wkoll l-ilmenti tar-residenti dwar il-lokalita`. Fost affarijiet oħra għandu wkoll jiprovdi informazzjoni dwar kif jista' jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija fid-dar.

266. Favur it-twaqqif ta' day *care centres* għat-tfal ta' ġenituri li jaħdmu permezz ta' sħubija bejn il-Kunsill, il-gvern ċentrali u l-privat.

267. Favur it-twaqqif ta' ċentri soċjali li fihom kulħadd ikollu aċċess għall-kompjuters, *internet*, gazzetti, u aċċess għall-informazzjoni uffiċjali. Dan iċ-ċentru għandu jitmexxa permezz ta' sħubija bejn l-Għaqdiet Non-Governattivi fil-lokalita u l-Kunsill Lokali.

268. Favur sistema ta' separazzjoni ta' l-iskart fuq livell lokali.

269. Favur aktar żoni ħielsa mit-traffiku jew li fihom it-traffiku jkun limitat.

270. Favur aktar spazji rikreattivi bħal ġonna u parks.

271. Favur kumitati ta' residenti f'kull żona li jgħinu 'l-kunsill fil-ħidma favur l-indafa, s-sigurta` u l-ħarsien tal-ġid komuni mill-vandaliżmu.

272. Favur skemi ta' parkeġġ li fihom ir-residenti tal-lokalita` jingħataw priorita`.

273. Favur aktar *accountability* fl-infiq tal-fondi tal-kunsill. Kull resident għandu jirċievi l-*accounts* tal-kunsill fuq bażi annwali. L-awditur ġenerali għandu jkollu l-mekkaniżmi biex jiżgura li ma jsirux abbużi.

274. Favur ħidma biex tiżdied l-aċċessibilita` għal persuni b'diżabilita` f'postijiet publiċi.

275. Favur il-prinċipju li min iniġġeż jew jikkawża impatt negattiv fuq il-komunita` jħallas għall-ħsara li jkun jagħmel.

## Nisa

Ma teżistix demokrazija veru mingħajr il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa f'kull livell u qasam tas-soċjeta`. Is-soċjeta` Maltija għadha waħda li ma tistax tissejjaħ demokratika għal kollox għax in-nisa mhumiex rappreżentati daqs l-irġiel fl-istituzzjonijiet u fil-ħajja politika, soċjali, ekonomika u kulturali tal-pajjiż. Dan ifisser ukoll li Malta qed tiċċaħħad mill-potenzjal kreattiv ta' ħafna nisa. Dan l-iżbilanċ demokratiku fis-soċjeta` maltija għandu jiġi korrett b'miżuri konkreti.

276. Biex jiġi indirizzat dan l-iżbilanċ f'kull qasam tal-ħajja għandu jiddaħħal il-kunċett ta' azzjoni affermattiva. Dan jista' jsir b'diversi modi. Fejn meħtieġ għandhom jiġu riservati ċerti pożizzjonijiet amministrattivi u impjiegi għan-nisa. In-nisa jistgħu ukoll jingħataw preferenza fuq l-irġiel f'dawk l-oqsma li fihom hemm nuqqas ta' parteċipazzjoni tan-nisa. Meta japplikaw għal impjieg jew pożizzjoni amministrattiva f'dawn l-oqsma, jekk mara jkollha l-istess kwalifiki daqs l-applikanti maskili, il-mara għandha tingħata preferenza.

277. Riklami għall-impjiegi li jkunu indirizzati għal sess partikolari għandhom isiru illegali.

278. Nisa li jkollhom jinterrompu l-karriera minħabba t-tqala m'għandhomx jitilfu s-*seniority* tagħhom fuq il-post tax-xogħol. L-irġiel għandu jkollhom id-dritt li jieħdu *parental leave* matul is-sena meta titwieled jew tiġi adottata tarbija. Dan jgħin biex ma tkunx dejjem il-mara li twaqqaf il-karriera.

279. Għandu jsir investiment f' *day care centres* fil-lokalita` jew ħdejn il-postijiet tax-xogħol.

280. Għandu jkun imħeġġeġ il-kunċett ta' *job sharing* biex ikun aktar faċli wieħed jirrikonċilja l-ħinijiet tax-xogħol ma' dawk tal-familja.

281. Għandha tingħata attenzjoni għall-kura preventiva rigward mard li jolqot lin-nisa (eż. kankru tas-sider).

## Orjentazzjoni Sesswali

## Gays u lesbjani

282. L-istat għandu jirrikonoxxi id-drittijiet u l-obbliġi ta' kopji gay jew lesbjani li jkunu ilhom jgħixu flimkien għal aktar minn tlett snin. Għandha titneħħa kull diskriminazzjoni bejn kopji eterosesswali u kopji gay jew lesbjani f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' housing u beneficċji soċjali.

283. Fis-sistema edukattiva u fit-tagħlim m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni kontra persuni omosesswali.

284. Għandu jkun hemm emenda fil-kostituzzjoni li permezz tagħha d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' orjentazzjoni sesswali tiġi pprojbita.

285. Fil-liġi industrijali għandu jkun hemm ħarsien għall-gays u l-lesbjani minn kull diskriminazzjoni u minn kull fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol.

286. It-tixrid tal-mibegħda kontra gays, lesbjani u minoranzi sesswali għandu jsir reat kriminali.

## Minoranzi sesswali

287. Minoranzi sesswali bħal persuni transsesswali għandhom ikunu mħarsa minn kull diskriminazzjoni.

288. L-istat għandu immedjatament jirrikonoxxi l-identita` sesswali ta' persuni li jkunu assummew identita` sesswali ġdida permezz ta' intervent kirurġiku.

## Paċi u Sigurta

Il-paċi u s-sigurta` ma jiġux imħarsa permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza militari. Il-veru paċi tista' tintlaħaq biss permezz tal-prevenzjoni tal-kunflitti u permezz ta' għarfien ta' l-għejun soċjali, ekonomiċi u kulturali tal-kunflitti internazzjonali. AD - The Green Party taħdem biex pajjiżna jħaddan politika attiva għall-paċi fid-dinja. Għalhekk niċħdu kull tip ta' iżolazzjoniżmu u naqblu mas-sehem attiv ta' Malta f'kull livell ta' ko-operazzjoni internazzjonali bl-esklużjoni biss ta'dik militari. Din il-politika tista' tintlaħaq permezz ta' newtralita` attiva.

## Newtralita` Attiva

Huwa fl-interess ta' pajjiżna li mhux biss ma jinvolvix ruħu f'kunflitti militari iżda wkoll li ma jinqalgħux kunflitti bejn il-pajjiżi ġirien tagħna u dawk mhumiex. In-newtralita` ta' pajjiżna ssaħħaħ il-vokazzjoni tagħna li nservu bħala aġent attiv ta' paċi fid-dinja permezz ta' rbit kummerċjali, kulturali u soċjali. Dan l-irbit għandu jkun wieħed li jħares id-drittijiet umani. Malta għandha titkellem mingħajr ebda kantunieri favur ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem f'kull pajjiż tad-dinja. Fid-dawl ta'dan:

289. Pajjiżna għandu jibqa' ħieles minn bażijiet militari. M'għandniex naċċettaw faċilitajiet militari ta' pajjiżi oħra fit-territorju tagħna.

290. F'każ ta' kunflitt Malta għandha tkun magħluqa għal bastimenti navali u faċilitajiet militari tal-pajjiżi mdaħħla fil-kunflitt.

291. L-użu tal-forzi militari Maltin barra l-pajjiż għandu jkun limitat għal parteċipazzjoni ta' missjonijiet awtorizzati mil-Ġnus Maqgħuda u l-OSCE.

292. Il-prinċipju li Malta hija żona ħielsa mill-armi nukleari għandu jiġi mħares fil-kostituzzjoni. L-istati li jibagħtu bastimenti tal-gwerra fuq żjarat f'Malta għandhom jiddikjaraw li l-bastimenti tagħhom mhux qed iġorru fuqhom armi nukleari. Bastimenti li jaħdmu permezz ta' reatturi nukleari wkoll m'għandhomx jidħlu f'pajjiżna.

## Malta Ċentru ta' Paċi

It-tisħiħ ta' politika ta' newtralita` attiva bħala l-politika barranija ta' Malta tippermetti t-twaqqif f'Malta ta' istituzzjonijiet varji li jgħinu fit-tisħiħ tal-paċi u l-ġustizzja fid-dinja.

293. Malta tista' tkun iċ-ċentru fejn joperaw istituzzjonijiet dedikati għall-għarfien kmieni ta' kunflitti potenzjali. Għandha tkun ukoll ċentru ta' taħriġ għal negozjaturi tal-paċi. Dan għandu jsir f'kollaborazzjoni ma organizzazzjonijiet internazzjonali.

294. Is-sehem ta' Malta f'organizzazzjonijiet internazzjonali u r-relazzjoni ta' Malta ma' pajjiżi ġirien għandu jkun maħsub biex ikattar l-impenn ta' dawn il-pajjiżi u l-organizzazzjonijiet favur ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali, il-ħarsien ambjentali u l-paċi.

## Viżjoni Globali

Il-viżjoni globali tagħna tikkorrispondi mal-viżjoni internazzjonalista tal-Partiti tal-Ħodor fid-dinja kollha. Fost l-għeruq tal-kunflitti fid-dinja nsibu l-faqar, l-qirda ta' l-ambjent, ir-razziżmu, l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-iskarsezza tar-riżorsi, l-inġustizzji fit-tqassim tagħhom u l-kummerċ fl-armamenti. Aħna nemmnu f'ko-operazzjoni internazzjonali li tfittex soluzzjoni għal dawn il-problemi.

295. Sabiex il-globalizazzjoni tal-kummerċ ma twassalx għal aktar sfruttar ta' l-ambjent u l-ħaddiema għandu jkun hemm kriterji soċjali, ambjentali u ta' drittijiet tal-bniedem li jkunu applikati f'kull pajjiż li jissieħeb f'organizzazzjonijiet bħall-Organizazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), il-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) u l-Bank Dinji.

296. Id-dejn tal-pajjiżi tat-'Tielet Dinja' li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem għandu jitħassar kollu. Il-UNDP għandha tagħmel monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem f'dawn il-pajjiżi. Meta wieħed iħares lejn l-istorja ta' kolonjaliżmu, razziżmu u sfruttament, wieħed jinduna li huma l-pajjiżi sinjuri li huma mdejna lejn dawn il-pajjiżi.

## Drittijiet tal-Bniedem

Il-ħajja ta' bniedem wieħed tiswa aktar minn kull rikkezza finanzjarja.

297. Nifirħu bit-twaqqif ta' Tribunal Internazzjonali Permanenti li jinvestiga krimini kontra l-umanita` bħall-ġenoċidju u ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Dan it-tribunal għandu jkun *accountable* għall-Ġnus Maqgħuda. Krimini kontra l-wirt komuni ta' l-umanita` li jinkludi l-wirt ambjentali, bioloġiku, storiku u kulturali ta' l-umanita`, għandhom ukoll jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan it-tribunal internazzjonali.

298. Malta għandha ssaħħaħ l-impenn tagħha favur id-drittijiet tal-bniedem kemm fil-fora internazzjonali kif ukoll f'relazzjonijiet bilaterali ma' stati oħra.

299. Għandu jibda proċess ta' diżarmament nukleari dinji. L-istess proċess għandu jsir fil-każ ta' armi kimiċi u bioloġiċi.

300. Għandu jsir kull sforz biex pajjiżi sinjuri ma jibqgħux jesportaw aktar armamenti u teknoloġija militari lill-pajjiżi li jiksru d-drittijiet tal-bniedem.

301. Nirrikonoxxu l-jedd tal-poplu Palestinjan għal stat tiegħu, bħal m'għandu l-istat Iżraeljan. Pajjiżna għandu jkun minn ta' quddiem nett biex iseddaq is-sliem bejn dawn iż-żewġ popli.

## Ġnus Maqgħuda

Il-Ġnus Maqgħuda hi l-istituzzjoni bl-akbar kredibilta` biex iżżomm il-paċi fid-dinja.

302. Il-Ġnus Maqgħuda għandha tiġi msaħħa u demokratizzata. Il-Kunsill tas-Sigurta tal-Ġnus Maqgħuda għandu jiġi sostitwit b'organu aktar rappreżentattiv li jagħraf is-sehem tal-pajjiżi tat-'Tielet Dinja'. Id-dritt tal-*veto* għandu jitneħħa u minfloku, fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, għandu jintuża l-prinċipju ta' maġġoranza kwalifikata. L-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Maqgħuda għandha tkun l-aktar organu importanti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Ġnus Maqgħuda.

303. Malta għandha tikkontribwixxi 1% tal-Prodott Gross Domestiku tagħha lill-Ġnus Maqgħuda. Din l-għajnuna tista' tieħu forma ta' taħriġ jew użu ta' faċilitajiet Maltin.

304. L-Għaqdiet non-governattivi internazzjonali għandhom jingħataw sehem aktar importanti fil-Ġnus Maqgħuda. Għandhom jingħataw *status* speċjali ta' osservatturi f'kull organizazzjoni u forum fi ħdan il-Ġnus Maqgħuda.

305. Il-Ġnus Maqgħuda għandu jkollha s-setgħa li timponi sanzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' armi, teknoloġija militari kif ukoll sanzjonijiet finanzjarji li jolqtu lil gvernijiet li jiksru r-riżoluzzjonijiet tal-Ġnus Maqgħuda. Madankollu qatt m'għandhom jiġu imposti sanzjonijiet ekonomiċi li jolqtu lill-popli ta' dawn il-pajjiżi f'oqsma bħall-mediċini, saħħa, ikel, enerġija u edukazzjoni. Kull pajjiż li jikser dawn is-sanzjonijiet għandu jkun mgħobbi bl-istess sanzjonijiet fuqu.

## Sigurta` fl-Ewropa

Għal eluf ta'snin il-pajjiżi Ewropej għaddew minn gwerrer kontinwi. Permezz tal-ħolqien ta' l-Unjoni Ewropea u istituzzjonijiet oħra bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-OSCE, l-Ewropa għaddiet minn perjodu ta' paċi.

306. Sabiex tiżdied il-paċi u s-sigurta` fl-Ewropa r-rwol tal-OSCE u l-Unjoni Ewropea għandu jissaħħaħ. Ir-rwol ta' pajjiżi newtrali fl-Unjoni Ewropea u l-OSCE għandu jiġi rispettat.

307. L-Unjoni Ewropea għandha titmexxa b'mod aktar demokratiku. Dan għandu jsir permezz ta' Parlament Ewropew aktar b'saħħtu li jkun jista' jaħtar ukoll gvern Ewropew li jieħu post il-Kummissjoni Ewropea.

## Politika Fiskali

Il-politika fiskali ta' Alternattiva Demokratika hi strument biex isseddaq il-ġustizzja soċjali, l-iżvilupp sostenibbli u l-effiċjenza fil-pajjiż.

308. L-evażjoni fiskali qed twassal biex ikun hemm inqas flus biex jintefqu f'servizzi pubbliċi. L-apparat investigattiv tat-*tax compliance unit* għandu jisaħħaħ.

309. Konsumaturi li jagħmlu *claims* jew ilmenti fuq servizz jew prodotti li jkunu xtraw għandhom dejjem jippreżentaw irċevuta fiskali tal-prodott mixtri. Dan għandu jservi ta' inċentiv biex il-konsumaturi jitlobu l-irċevuta fiskali.

310. Ammont sostanzjali mit-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-karrozzi u l-flus mil-liċenzji għandhom imorru direttament fil-Ministeru tat-Trasport sabiex jintefqu fuq it-trasport publiku u biex it-toroq eżistenti jinżammu aħjar.

## Taxxi Ambjentali.

Il-politika fiskali ta' Alternattiva Demokratika hi bbażata fuq il-prinċipju ta' min iniġġeż għandu iħallas. Fl-istess ħin servizzi, prodotti u attivita` ekonomika li jagħmlu ġid ambjentali għandhom jinħelsu minn piżijiet fiskali.

311. Kull min jipproduċi prodotti u/jew hu involut f'attivita` ekonomika li toħloq ħsara ambjentali għandu jħallas f'taxxi għall-ħsara li jagħmel. Għandu jkun hemm taxxa speċjali li tippenalizza prodotti u ħidma ekonomika li toħloq l-iskart. Taxxa bħal din għandha tiġi użata fl-immaniġġjar ta' l-iskart.

312. Għandu jkun hemm inċentivi jew eżenzjonijiet fisklali fuq xiri ta' prodotti li jagħmlu ħafna inqas jew l-ebda dannu ambjentali, ngħidu aħna roti, muturi b'ċilindrata moderata, vetturi ta' l-elettriku, eċċ.

313. Kumpaniji mdaħħla f'attivita` ekonomika li tagħmel ġid għall-ambjent għandhom igawdu minn inċentivi fiskali. Dawn jinkludu negozji u kumpaniji mdaħħla f'riċiklaġġ, bejgħ u importazzjoni ta'prodotti ekoloġiċi, trasport ekoloġiku u stabilimenti li jużaw l-enerġija alternattiva.

314. M'għandu jkun hemm l-ebda taxxa tal-VAT fuq il-bejgħ ta' *solar panels* u dawl li jiffranka l-enerġija eż. *PL lamps*.

## Taxxi Diretti u Ndiretti

AD-The Green Party taqbel ma' sistema ta' VAT b'rati differenzjati kemm għal skopijiet ambjentali u kemm għal skopijiet ta' ġustizzja soċjali. AD-The Green Party taqbel ma' tnaqqis fil-piżijiet fiskali fuq il-klassi tan-nofs u dawk bi dħul baxx.

315. Il-VAT fuq prodotti li jagħmlu ħsara ambjentali għandha tkun ogħla waqt li dik fuq prodotti li jagħmlu ġid ambjentali għandha tkun anqas minn dik preżenti.

316. Għandu jkun hemm rata ogħla ta' VAT fuq prodotti ta' lussu bħal kowtijiet tal-fer, jottijiet u karrozzi b'ċilindrata għolja.

317. It-taxxa tal-VAT fuq l-ikel minn ristoranti għandha tonqos minn 15% għal 10%. Dan minħabba l-fatt li l-istil tal-ħajja ta' settur dejjem jikber tal-popolazzjoni inbidel b'mod li ikliet barra mid-dar saru neċessita`. Din il-miżura tkun inċentiv ieħor għat-turiżmu.

318. AD-The Green Party taqbel mal-*benchmarking* biex kulħadd iħallas dak li hu dovut minnu. Il-*benchmarking* għandu jkun eżerċizzju realistiku biex ħadd ma jispiċċa jħallas aktar milli suppost.

319. L-art hi riżors skars f'pajjiż daqstant żgħir u għalhekk kull min iżomm propjeta` vojta għal skopijiet ta' spekulazzjoni għandu jħallas taxxa li tiżdied proporzjonalment maż-żmien li l-propjeta` tinżamm vojta.

Hu fatt magħruf li l-pressjoni fiskali matul l-aħħar snin fuq il-klassi tan-nofs żdiedet. Hu fatt ukoll li s-*ceilings* tat-taxxa m'għadhomx jirriflettu r-realtajiet soċjali ta' meta nħolqu. Fid-dawl ta' dan nipproponu:

320. Fil-preżent kull min hu single u jaqla' anqas minn 3000 lira u kull min hu miżżewweġ u jaqla' anqas minn 4000 lira ma jħallasx *Income Tax*. Dan is-*ceiling* għandu jogħla għal 4000 lira fil-każ ta' min hu *single* u għal 5000 lira fil-każ ta' min hu miżżewweġ.

321. Għandu jkun hemm reviżjoni ta' *ceilings* tat-taxxa b'mod li jonqos il-piż fuq dawk bi dħul baxx u medju.

322. Is-*ceilings* tat-taxxa għandhom jirriflettu l-bidliet soċjali u għalhekk għandhom jiġu riveduti regolarment.

323. Il-limitu preżenti ta' Lm3000 għal xogħol part-time b'taxxa fissa ta' 15% għandu jitla' għal Lm4000.

## Pulizija

Il-Korp tal-Pulizija jista' jgawdi aktar fiduċja mill-pubbliku jekk l-attivita` tiegħu tkun miftuħa aktar għall-iskrutinju u l-kritika tal-publiku. Fl-istess ħin il-ħidma tal-Pulizija tkun waħda aktar effiċjenti jekk jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-korp. Fid-dawl ta'dan:

324. Għandu jinħatar ombudsman li jinvestiga ilmenti fuq l-operat tal-Pulizija. Dan l-ombudsman għandu jkollu aċċess sħiħ għall-operat u d-dokumenti kollha tal-pulizija.

325. Id-dritt ta' l-espressjoni u l-protesta paċifika għandu jkun sagru u l-Pulizija qatt ma għandha tintervjeni biex tirristrinġi dan id-dritt.

326. Għandu jkun hemm kontroll effettiv fuq l-attivita` tas-servizzi sigrieti li għandhom ikunu *accountable* lejn il-parlament. Is-servizz sigriet m'għandu jkollu l-ebda saħħa li jinvestiga l-ħidma ta'għaqdiet, *trade unions* u partiti demokratiċi.

327. Il-Pulizija, membri tal-Forzi Armati u membri tal-protezzjoni ċivili għandu jkollhom id-dritt li jiffurmaw *trade union* u li jieħdu azzjonijiet industrijali. Madankollu f'każ ta' azzjoni industrijali dawn għandu jkollhom l-obbligu legali li jiggarantixxu s-servizz minimu biex tiġi garantita ż-żamma ta' l-ordni publika fil-pajjiż.

328. Il-Pulizija m'għandhomx jagħmlu xogħol klerikali. Dan għandu jsir miċ-ċivil. M'għandux ikun hemm diskriminazzjoni bejn pulizija nisa u pulizija rġiel rigward dmirijiet.

329. L-għases kollha għandhom ikunu miftuħa 24 siegħa kuljum u kull għassa għandha tkun mgħammra b'faċilitajiet u kumditajiet kemm għall-pubbliku u kemm għall-pulizija li jaħdmu fihom.

330. L-*Administrative Law Enforcement* (A.L.E) għandha tissaħħaħ biex fost l-oħrajn jiġu kkontrollati l-abbużi fil-kaċċa.

331. Il-preżenza tal-Pulizija fuq it-territorju għandha tiżdied b'mod li tinżamm id-dixxiplina. In-nuqqas ta' dixxiplina fil-pajjiż qed iwassal biex ikollna naffaċċjaw *bullies* u kriminali prepotenti. Il-proprjeta` publika qed tkun il-ħin kollhu esposta għal atti ta' vandaliżmu. Preżenza akbar ta' pulizija sservi biex tgħolli l-istima tal-forzi ta' l-ordni f'għajnejn il-publiku.

## Relazzjonijiet Industrijali u Ħaddiema

Ċerti ħaddiema f'pajjiżna, speċjalment dawk li jaħdmu fil-privat, m'humiex imħarsa biżżejjed mil-liġi. Għalina d-drittijiet ta' dawn il-ħaddiema huma prijorita`. Fl-istess waqt, nirrikonoxxu r-riformi progressivi li ddaħħlu fl-att il-ġdid li jirregola l-impjiegi. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-qasam tax-xogħol għadu baxx wisq, kemm bħala proporzjon globali, kif ukoll bħala rappreżentanza f'oqsma partikulari tax-xogħol u f'dawk ta' tmexxija. Hemm bżonn li din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata b'azzjoni sistematika li tnaqqas l-iżvantaġġi li jaffaċċjaw in-nisa fil-qasam tax-xogħol. Alternattiva Demokratika tagħti l-appoġġ kollu tagħha lil inizjattivi bħal diskriminazzjoni pożittiva favur in-nisa, possibiltajiet ta' *job sharing*, *flexitime* u faċilitajiet ta' *day care centres* kemm għan-nisa, kif ukoll għall-irġiel li għandhom it-tfal jew li għandhom il-kura ta' xi ħadd id-dar taħt idejhom. Dan għandu jkun akkumpanjat minn sforzi akbar fis-sistema edukattiva biex tiġi ndirizzata mentalita` diskriminatorja, li nittamaw iġġib bidla dejjiema fid-drittijiet tan-nisa. (Ara il-kapitli dwar l-edukazzjoni u l-familja)

332. Naqblu li d-dritt ta' strajk fuq il-baġitt u kwistjonijiet mhux ta'natura industrijali għandu jiġi mħares mill-liġi. Naqblu li l-istrajk ta' simpatija għandu wkoll jibqa' rikonoxxut mil-liġi. Dan id-dritt iżda m'għandux jiġi abbużat b'mod politiku partiġġjan.

333. Għandha tiġi infurzata l-liġi f'każijiet fejn min iħaddem ma jħallix jew jagħmel il-bsaten fir-roti lill-ħaddiema biex ma jidħlux f'*union*. F'każ ta' abbużi ripetuti dawn għandhom jiġu mċaħħda mil-liċenzja biex joperaw.

334. Il-*closed shops* għandhom isiru illegali. Il-ħaddiema kollha għandu jkollhom il-liberta` li jagħżlu l-*union* li tirrappreżentahom. M'għandux ikun hemm pressjoni fuq min jiddeċiedi li ma jibqax f'*union*. Min ma jibqax iħallas il-miżata għandu jiġi meqjus li m'għadux membru.

335. Qabel kull azzjoni industrijali għandu jsir vot sigriet fost il-ħaddiema involuti.

336. It-Tribunal Industrijali għandu jiġi appuntat mill-President tar-Repubblika u jitneħħa bl-istess metodu għall-istess raġunijiet li jistgħu jitneħħew l-imħallfin u l-maġistrati.

337. Il-kumpens għal tkeċċija inġusta li jingħata mit-tribunal industrijali għandu jogħla sostanzjalment biex ikun jirrifletti l-paga u l-prezzijiet tal-lum. F'każ li jinstab li ħaddiema sofrew minn tkeċċija inġusta dawn għandu jkollhom d-dritt jagħżlu li jerġgħu jiksbu lura l-impieg li jkunu tilfu. Impjegati publiċi għandu wkoll ikollhom l-istess rimedji quddiem it-tribunal industrijali bħall-impjegati fis-settur privat.

338. Kull kuntratt indefinit li jiġi mġedded regolarment għal aktar minn sena għandu jitqies awtomatikament bħala kuntratt definit.

339. L-iktar li jintlaqtu ħażin mill-kundizzjonijiet offruti fix-xogħol *part-time* huma l-ħaddiema nisa, li bħala grupp ta' nies huma diġa` fi żvantaġġ sostanzjali fil-qasam tax-xogħol. Għaldaqstant riforma fil-liġijiet li jirregolaw il-*part-time* tkun ukoll att ta' ġustizzja mal-ħaddiema nisa. Nemmnu li l-ħaddiema *part-time* għandhom jieħdu l-benefiċċji kollha *pro rata* mal-ħinijiet tax-xogħol li jaħdmu. Il-liġi li tagħti dawn il-benefiċċji lill-ħaddiema li jaħdmu aktar minn 19-il siegħa għandha tiġi estiża għal kull ħaddiem/a *part-time,* t/jaħdem kemm t/jaħdem sigħat.

340. *Self-employed* li l-impjieg tagħhom jiddependi minn kumpanija waħda, għall-fini tal-liġi tax-xogħol, għandhom ikunu kkunsidrati bħala impjegati. Dan minħabba s-sitwazzjoni ta' vulnerabilita` ta' dawn il-ħaddiema li jistgħu jiġu mġiegħla jaċċettaw kundizzjonijiet tax-xogħol inferjuri.

## Rifuġjati u Ħaddiema Barranin

Il-livell ta' ċivilta` u demokrazija li pajjiż ikun laħaq jitkejjel minn kemm il-pajjiż jistma persuni minn pajjiżi oħra li jitolbu kenn mit-turufnament li għandhom f'pajjiżhom. L-agħar atroċitajiet fl-istorja bħall-Olokawst u n-Naziżmu, faqqsu minħabba l-mibegħda u l-injoranza fil-konfront tal-barranin. Dawn huma ġrajjiet mill-istorja li pajjiżna ma jistax, imqar għal mument wieħed, jinsa.

341. Ir-rifuġjati u l-familja immedjata tagħhom għandhom jingħataw id-dritt tax-xogħol b'mod awtomatiku u għandu jkollhom id-drittijiet kollha li jgawdu minnhom iċ-ċittadini Maltin.

342. Biex ikun żgurat li l-immigranti illegali ma jiġux sfruttati u mħaddma f'kundizzjonijiet ta' skjavitu`, għandha tinħadem sistema fejn minn żmien għal żmien ikunu stabiliti kwoti ta' ħaddiema barranin li jingħataw il-permess jaħdmu f'Malta. Dan għandu jiżgura li dawn igawdu mill-protezzjoni kollha li tagħti l-liġi lill-ħaddiema Maltin.

343. Ma nistgħux nibqgħu nassumu li l-immigranti li jkunu għadhom qed jistennew risposta fuq it-talba tagħhom għal status ta' rifuġjati jistgħu jgħixu bl-arja. Is-sitwazzjoni preżenti tesponi lil dawn l-individwi għal xogħol li jassarhom fl-ekonomija s-sewda. Għaldaqstant, biex il-kundizzjonijiet tagħhom ikunu regolati, għandu jingħatalhom id-dritt tax-xogħol temporanju, sakemm it-talba tagħhom għal status ta' rifuġjati tiġi pproċessata.

344. L-immigranti illegali m'għandhomx jiġu ttrattati daqs li kienu kienu kriminali. Ħafna drabi dawn ikunu ħarbu minn miżerja estrema u l-unika intenzjoni tagħhom tkun dik li jsibu kenn f'pajjiżi aktar sinjuri. Wara kollox, din kienet il-ħolma ta' eluf ta' Maltin li snin ilu emigraw fl-Awstralja, l-Kanada u postijiet oħra. Għaldaqstant, il-post ta' detenzjoni li fih jinżammu dawn l-immigrati għandu jkun wieħed aċċessibli għall-*media* u l-għaqdiet non-governattivi. Dan il-post m'għandux ikun wieħed ta' kastig. Il-preżenza ta' l-għaqdiet non-governattivi tgħin biex jiġu megħjuna dawk l-immigranti li jikkwalifikaw għall-istatus ta' rifuġjati.

345. Ir-reat ta' trafikkar ta' bnedmin għandu jitqies bħala reat kriminali serju u l-pieni f'dawn il-każijiet għandhom jiħraxu sostanzjalment.

346. Il-liġi dwar it-traffikar ta' bnedmin għandha tinkludi klawsoli li jirreferu speċifikament għal traffikar ta' nisa u tfal għal skopijiet ta' sfruttament sesswali. F'dawn il-każijiet il-vittmi għandhom jingħataw servizzi ta' għajnuna.

## Saħħa u Prevenzjoni

Parti integrali mill-prevenzjoni tal-mard hija l-attenzjoni għall-ambjent li ngħixu fih. Livelli inqas ta' tniġġiż ifissru kwalita` ta' arja, ilma u ikel aħjar. Kontroll fuq sorsi ta' storbju żejjed ifisser inqas stress. Inqas antibijotiċi fil-laħam u kontroll strett fuq il-pestiċidi jfissru iktar reżistenza tal-bniedem għall-mard u inqas veleni u l-konsegwenzi li jġibu magħhom. Kwalita` ta' ħajja aħjar tiddependi wkoll mill-investiment fil-prevenzjoni u edukazzjoni.

347. Għandha tingħata edukazzjoni kemm fl-iskola u kemm fil-komunita` biex iġġib 'il quddiem stil ta' ħajja li jnaqqas l-istress, li jinkoraġġixxi għażla ta' dieta bilanċjata u eżerċizzju fiżiku.

348. It-*tuck shops* fl-iskejjel għandhom ikunu regolati b'mod li jservu iktar ikel nutrittiv u inqas *junk food*. Għandha tingħata edukazzjoni dwar l-effetti ħżiena tal-*junk food*.

349. Ir-reklamar tas-sigaretti għandu jsir illegali. Parti mid-dħul mid-dazji tas-sigaretti għandu jmur direttament biex jissussidja kampanji edukattivi fuq it-tipjip.

350. F'każ li l-konsumaturi jkunu ingannati dawn għandhom jingħataw rimedju legali billi jittieħdu passi kontra min jipprovdi ikel jew ħwejjeġ oħra ta' konsum li jagħmlu ħsara lis-saħħa.

351. L-eta` għall-konsum ta' l-alkoħol għandha titla' minn 16 għal 18-il sena fil-każ ta'spirti u għandha tibqa' ta' 16-il sena fil-każ tal-birra u l-inbid. L-infurzar tal-liġijiet f'dan il-qasam għandu jkun strett.

352. Il-PSE (Personal Life Skills Education) għandu jiġi estiż sal-Form 5 u mhux jieqaf ħesrem fil-Form 3. Dan għandu jinkludi edukazzjoni sesswali li jinkludi tagħrif ċar dwar kontraċettivi u mard trasmess sesswalment. L-edukazzjoni sesswali għanda tkun ippernjata fuq valuri umani u sekulari.

## Tniġġiż Elettromanjetiku

Filwaqt li ħuwa fatt li t-teknoloġija għamlet il-ħajja iktar komda, fl-istess waqt l-użu tagħha għandu jkun wieħed galbuż biex ma jagħmilx dannu għas-saħħa tan-nies.

Każ klassiku ta' dan hija t-telefonija ċellulari. Filwaqt li din it-teknoloġija qed issir parti integrali mill-istil ta' ħajja ta' ħafna, qed iqumu numru ta' mistoqsijiet dwar jekk hux qed jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex din it-teknoloġija tkun mingħajr periklu, mhux biss fl-immedjat imma wkoll fuq tul ta' żmien. Ir-riċerka qed turi li hemm nies li huma iktar suxxettibbli għal skonforti bħal nuqqas ta' rqad, uġigħ ta' ras, eċċ. fl-immedjat. L-evidenza fuq jekk din it-teknoloġija għandhiex effetti iktar fit-tul għadha mhijiex konklussiva. Għaldaqstant, huwa essenzjali li biex is-saħħa tan-nies tkun imħarsa, immedjatament għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawzjoni, speċjalment fil-konfront ta' dik is-sezzjoni tal-popolazzjoni li hija l-iktar suxxettibbli għal effetti potenzjali ħżiena: it-tfal. Kien għalhekk li Alternattiva Demokratika hija membru u ko-fundatur tal-Kampanjna Għarfien Dwar Radjazzjoni Elettromanjetika CARE.

Biex il-prinċipju ta' prekawzjoni jkun applikat kif għandu jkun, Alternattiva Demokratika temmen li:

353. Min jagħmel użu minn din it-tekonoloġija u anke min huwa espost għar-radjazzjoni tagħha, għandu dritt li jkun infurmat fuq l-iżviluppi xjentifiċi fuq din il-kwistjoni. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet tas-saħħa Maltin għandhom jippublikaw informazzjoni li tkun tikkonsisti f'rakkomandazzjonijiet li bihom jitnaqqsu l-effetti potenzjali tar-radjazzjoni, kif isir f'pajjiżi oħra fosthom l-Ingilterra. Dawn jinkludu rakkomandazzjonijiet biex *mobile phones* jiġu evitati minn tfal taħt is-sittax-il sena, kif ukoll metodi kif *mobile phone* jista' jintuża bl-inqas espożizzjoni għar-radjazzjoni possibbli. Is-silenzju li jtarrax min-naħa ta' l-awtoritajiet fuq din il-kwistjoni mhuwiex aċċettabbli iżjed.

354. L-Awtorita` Maltija għall-Komunikazzjoni għandha tagħmel skrutinju indipendenti mill-operaturi tas-servizz tat-teknoloġija ċellulari biex jiġi żgurat li l-livelli ta' radjazzjoni dikjarati jkunu verifikati.

355. Għandu jkun hemm iktar sensitivita` u għaqal fuq fejn jitpoġġew il-*base stations*. L-Awtorita` għall-Ambjent u Żvilupp m'għandhiex tibqa' tħares lejn it-twaħħil ta' base stations mil-lat ta' estetika biss, imma għandha tagħti każ ukoll ix-xewqat u l-beżgħat tar-residenti li jgħixu fil-madwar.

356. Għandha tiġi addottata *policy* biex il-*base stations* jitneħħew minn postijiet abitati. B'mod partikulari għandhom jiġu evitati postijiet sensittivi bħal m'huma sptarijiet, residenzi u skejjel fost postijiet oħra. Dawn għandhom jitwaħħlu fl-għoli fuq *communication towers* apposta. F'dan ir-rigward, inħeġġu l-awtoritajiet ekklesjastiċi jerġgħu jikkunsidraw id-deċiżjoni li jħallu l-knejjes jintużaw biex jitwaħħlu l-base stations mingħajr ma ttieħdet konsiderazzjoni tal-fehma tar-residenti tal-madwar, u mingħajr ma tat il-benefiċċju tad-dubju lill-istess residenti minħabba kwistjonijiet ta' saħħa bħal ma għamlet il-Knisja f'pajjiżi oħra.

357. Iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar il-livelli ta' radjazzjoni massimi rikmandati mill-WHO ta' 41 V/m qed jitqiesu bħala liberali żżejjed. Fil-fatt, numru ta' pajjiżi ħadu l-inizjattiva biex il-livelli massimi ta' radjazzjoni jitnaqqsu drastikament. Dan qed jiġi rakomandat abbażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni. Alternattiva Demokratika tinsisti li għandhom jiġu adottati l-livelli stabbiliti mir-Riżoluzzjoni ta' Salzburg, li ġew ikkonfermati f'Roccaraso l-Italja u riċentement mid-Dikjarazzjoni ta' Alcala fi Spanja, biex il-livelli massimi aċċettabbli jinżlu għal 0.6V/m. Dan huwa livell li diġa` ġie addottat minn diversi reġjuni/pajjiżi u juri li t-teknoloġija tat-telefonija ċellulari tista' titħaddem b'dawn il-livelli massimi. M'għandu jkun hemm xejn li jżomm lil pajjiżna milli jaddotta l-istess prekawzjonijiet.

358. Peress li r-raġġi tal-*base stations* huma l-aktar qawwija viċin l-apparat innifsu l-aċċess għall-*base stations* għandu jkun ristrett permezz ta' reċint protettiv u sinjali ċari li javżaw bil-periklu. Ma tistax tibqa' tirrenja l-laxkezza f'aspett bħal dan li jirrigwarda s-saħħa tan-nies.

359. Ir-radjazzjoni elettromanjetika tiġi wkoll minn apparat ieħor li minnu jgħaddi l-elettriku, fosthom *appliances*, kif ukoll *overhead cables*, *transmitters* eċċ. Għaldaqstant nemmnu li l-prinċipji msemmija hawn fuq li jgħoddu għat-telefonija ċellulari għandhom jgħoddu wkoll għal sitwazzjonijiet oħra bl-istess karatteristiċi.

## Tniġġiż Akustiku

It-tniġġiż mill-ħsejjes hu problema għal numru kbir ta' residenti li jista' jwassal għal konsegwenzi negattivi fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom. AD tipproponi li:

360. Ikun hemm ippjanar u *zoning* li jiżgura li ċertu żvilupp li joħloq storbju ma jsirx fil-qalba ta' żoni residenzjali.

361. Kull stabiliment kummerċjali eżistenti li jinsab viċin żoni residenzjali għandu jkun *soundproofed*.

362. Waqt li nagħrfu l-importanza kulturali tal-festi, għandu jkun hemm kontroll fuq storbju kawżat minn murtali u bombi waqt il-festi.

363. Titjiriet bil-lejl mill-ajruport ta' Malta għandhom ikunu limitati kemm jista' jkun biex ma jkunx hemm inkonvenjent għar-residenti.

364. Għandu jkun hemm regoli stretti fuq apparat bħal *airconditioners* ta' ċertu daqs li joħolqu inkonvenjent għar-residenti.

365. Ir-regoli ta' l-Unjoni Ewropea f'dan is-settur għandhom jiġu nforzati b'mod li jkun hemm limitu ta' deċibels permessi biex is-saħħa tal-bniedem tkun imħarsa, speċjalement f'postijiet ta' divertiment u postijiet tax-xogħol.

## Servizz tas-Saħħa

Is-servizz publiku tas-saħħa għandu jkun l-aħjar u għandu jiggarantixxi servizzi essenzjali għal kulħadd. Fl-istess waqt, l-istat għandu jassigura li s-servizz privat ikun qed jilħaq *standards* stabbiliti.

Biex is-servizz tas-saħħa publika jitgawda mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin warajna għandu jitpoġġa fuq bażi finanzjarja soda u sostenibbli.

## Drittijiet tal-pazjenti

366. Il-pazjenti għandu jkollhom id-dritt għall-informazzjoni dwar is-saħħa tagħhom. Din l-informazzjoni għandha tingħata b'sensittivita` għall-persuni konċernati.

367. Il-fejqan mhux biss proċess fiżiku iżda għandu jinkludi l-aspett psikoloġiku tal-pazjent. Dan l-aspett għandu jingħata importanza ikbar mill-amministraturi ta' l-isptar.

368. Persuni b'mard terminali għandhom jingħataw l-aqwa servizz ta' appoġġ possibbli b'ħidma ma' entitajiet non-governattivi li jaħdmu f'dan il-qasam.

369. Pazjenti li jkunu qegħdin l-isptar fi żmien l-elezzjoni għandu jkollhom id-dritt li jivvutaw fl-isptar stess u mhux jiġu mġiegħla jmorru jivvutaw fid-distretti rispettivi tagħhom, b'riskji sostanzjali għal saħħithom.

370. Għandha tinħadem sistema trasparenti biex pazjenti li jkunu fittxew konsulta privata ma jiġux vantaġġjati fuq pazjenti oħra li jagħmlu użu mis-servizz mediku ta' l-istat, fejn jidħlu appuntamenti għal interventi kirurġiċi u kura oħra fl-isptarijiet ta' l-istat.

371. L-istat għandu jħallas għall-ispejjeż ta' persuna waħda li tkun tista' takkompanja pazjent li jkollu/ha bżonn trattament jew operazzjoni fi sptar f'pajjiż ieħor. Dan iseħħ biss jekk l-operazzjoni jew/u trattament ikunu approvati mill-awtoritajiet tas-saħħa Maltin.

372. Il-permess għal trapjant ta' organi għal pazjenti li għadhom bżonn għandu jkun awtomatiku, sakemm il-persuna li mietet ma tkunx iddikjarat bil-kontra u bil-miktub meta kienet ħajja.

Is-sistema preżenti ta' distribuzzjoni tal-mediċini qed twassal għall-abbużi kbar bin-nefqa dejjem tielgħa bla kontroll. Dan qed jhedded bis-serjeta` s-sostenibilita` ta' dan is-settur daqstant importanti. Għalhekk għandu jkun żgurat li r-riżorsi limitati jiġu indirizzati lejn dawk li huma tassew fil-bżonn bħal pazjenti li jsoffru minn mard serju u kroniku.

373. Għandu jkun hemm riforma sħiħa fid-distribuzzjoni tal-mediċini. F'din ir-riforma għandhom jipparteċipaw l-imsieħba soċjali bħall-Gvern, l-spiżjara u t-tobba, l-għaqdiet tal-konsumaturi u l-għaqdiet ta' l-anzjani. Din is-sistema għandha titmexxa minn *management* professjonali.

374. Għandu jkun hemm imqar spiżerija f'kull reġjun fil-gżejjer Maltin li tkun miftuħa, fuq sistema ta' roster, għal 24 siegħa.

## Ċentri tas-Saħħa

375. F'kull distrett għandu jkun hemm poliklinika miftuħa 24 siegħa kuljum biex tipprovdi servizz ta' kura primarja u ta' emerġenza.

## Assigurazzjoni fuq is-Saħħa

376. Il-prezzijiet ta' kliniċi privati u tobba privati għandhom ikunu pubbliċi biex ma jsirux abbużi minn tobba u kliniċi b'dannu għall-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni.

## Ħaddiema fis-servizz tas-Saħħa

377. Ix-xogħol ta' l-infermiera għandu jingħata rikonoxximent professjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema għandhom jiġu mtejba.

378. Għandu jkun hemm titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-pagi tat-tobba b'mod li dawn jibqgħu jaħdmu ma' l-istat.

379. L-ebda tabib m'għandu jaħdem aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa. Dan kemm biex ikun hemm titjib fil-kwalita` tal-ħajja tat-tobba kif ukoll biex il-pazjenti ikunu assigurati minn kura ta' l-aqwa livell.

380. Għandha tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tat-tobba li jaħdmu mal-privat u mal-pubbliku fl-istess ħin. Għandu jiġi stabbilit minimu ta' ħin li kull tabib fl-iskema nazzjonali jikkontribwixxi esklussivament għas-settur pubbliku.

381. Fil-Kunsill Mediku li jirregola l-professjoni medika għandu jkun hemm rappreżentanza ta' l-għaqdiet li jħarsu d-drittijiet tal-konsumaturi, tal-pazjenti u ta' persuni b'diżabilita`.

382. Għandu jkun hemm *standards* stretti ta' saħħa u sigurta` kemm għal min ikun pazjent fl-isptar u kemm għall-ħaddiema kollha li jaħdmu fl-isptar. Għad fadal wisq ħaddiema fl-isptarijiet pubbliċi (fosthom ħaddiema tekniċi) li għadhom jaħdmu f'kundizzjonijiet li ma jixirqux lill-ħaddiema fis-seklu 21.

## Sajd

Is-sajd Malti fil-biċċa l-kbira tiegħu isir b'mod artiġġjanali u ħafna drabi hu organizzat b'mod biex il-qabda ma theddidx is-sostenibbilta` tar-riżorsi tal-baħar. Is-sajjieda għandhom jingħataw kull għajnuna mill-awtoritajiet u l-protezzjoni kollha mil-liġijiet biex titħares is-sengħa tas-sajd u l-għixien tas-sajjieda u l-familji tagħhom.

383. Il-gvern Malti għandu jipproponi inizjattiva fuq livell Mediterranju biex jitwaqqaf kull sajd li jhedded it-tkattir tal-ħut.

384. Nappoġġjaw kull għajnuna li tingħata biex tiġġedded il-flotta tas-sajd u biex it-tagħmir ta' sigurta` fuq id-dgħajjes ikun modernizzat.

385. Is-sajjieda li jobdu l-liġi għandhom jingħataw appoġġ mill-Forzi Armati li huma fid-dmir li jwaqqfu kull attivita` ta' sajd li thedded is-sostenibbilta`.

386. Id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea m'għandu bl-ebda mod jitfa' minn taħt lis-sajjieda Maltin.

387. Għandu jkun hemm kontroll fuq l-iżvilupp ta' *fish farms* minħabba l-iskart li jipproduċu li jista' jwassal għal aktar tniġġiż fl-ibħra tagħna, filwaqt li jipperikola t-turiżmu tal-bugħaddasa.

388. Għandha ssir evalwazzjoni ta' l-industrija tat-*tuna penning* f'pajjiżna speċjalment fid-dawl ta' studji li juru li din l-industrija qed tkun responsabbli għal tnaqqis ta' din l-ispeċi ta' ħut fil-baħar.

## Skart

Il-muntanja tal-Magħtab hi l-monument tal-politika ta’ telqa u insostenibbilta` li rrenjat f’dan il-pajjiż għall-aħħar terz ta’ seklu. In-nuqqas ta' struttura u ta' informazzjoni ħalliet lill-Maltin u ‘l-Għawdxin mingħajr l-għodda li jagħrfu jilqgħu din l-isfida ta' żmienna. Alternattiva Demokratika ħadmet u tibqa’ taħdem biex tingħata informazzjoni sħiħa dwar il-fatti u l-perikli ġejjin minn nuqqas ta' għaqal fit-tħaddim ta' sistema ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart. B’xorti tajba, il-pajjiż qed jagħraf l-isfida li qed joħloq l-iskart. B’mod partikolari, Alernattiva Demokratika tagħraf ix-xogħol li qed isir fil-Proġett Skart u twiegħed l-appoġġ tagħha għal kull inizjattiva ta’ fejda li għandha toħroġ minn dan il-proġett.

389. L-ebda sistema f'dan il-qasam ma tista’ titħaddem b'suċċess mingħajr l-appoġġ tal-Maltin u l-Għawdxin kollha. Għalhekk l-ewwel investiment għandu jsir f'kampanja permanenti ta' edukazzjoni li tagħti tagħrif sħiħ dwar il-perikli għas-saħħa u l-ambjent u dwar l-aħjar mezzi dawn il-perikli jiġu evitati.

## Tnaqqis, Separazzjoni u Riċiklaġġ ta’ l-Iskart

390. Din il-kampanja edukattiva għandha twassal biex ikun hemm tqassim u separazzjoni ta’ skart skond kategoriji differenti (eż. organiku, ħġieġ, plastic, eċċ) f’kull Belt u raħal. Il-Kunsilli Lokali għandhom ikunu involuti f’dan il-proċess. Kunsilli li jipparteċipaw b’mod effettiv f’din l-iskema għandhom jingħataw inċentiv finanzjarju. Għandu jkun żgurat li s-separazzjoni ta’ l-iskart tkun tabilħaqq fis-seħħ sas-sena 2004.

391. Huwa importanti li pajjiżna jaddotta politika li tnaqqas l-iskart fil-pajjiż. Dan għandu jsir permezz ta’ l-introduzzjoni u nfurzar ta' liġijiet li jnaqqsu u/jew jabolixxu l-użu ta' prodotti li m'humiex degradabbli, eż. fliexken tal-plastik.

392. Iż-żejt użat għandu jinżamm f’imħażen apposta sakemm jiġi riċiklat. Għandu jsir monitoraġġ serju sabiex jiġi żgurat li dan iż-żejt ma jerġax jintuża abbużivament. Hu fatt magħruf li dan iż-żejt għadu qed jintuża minn xi furnara b’periklu ta’ kontaminazzjoni miċ-ċomb tal-ħobż li nieklu.

393. Skart perikoluż jew tossiku għandu jinġabar għalih biex ma jniġġisx skart ieħor. Dan l-iskart perikoluż għandu jiġi kkontrollat bl-aħjar mezzi inkluż l-esportazzjoni għall-pajjiżi fejn jeżistu impjanti maħsuba biex ibiddluħ f’sustanzi li ma jagħmlux ħsara u/jew jiġi riċiklat għal użu ieħor.

394. L-industrija lokali tar-riċiklaġġ għandha tingħata inċentivi fiskali biex tkompli tikber. Dan għandu jkun eżempju ħaj ta' kif il-ħarsien ta' l-ambjent jiġġenera negozju u xogħol. Għandu jkun żgurat li l-impjant tar-riċiklaġġ ta' l-iskart organiku solidu f'Sant'Antnin ikun immodernizzat biex jilqa' għall-isfidi ta' programm serju u mifrux ta' riċiklaġġ.

395. Il-ħidma dwar l-iskart għandha ssir billi jitħaddem kull mezz biex ma jinħoloqx skart bla bżonn, biex isir użu mill-ġdid ta' prodotti skartati u biex l-iskart jiġi riċiklat. Il-fdalijiet minn dan il-proċess għandhom jitqiegħdu f'miżbliet kontrollati b'mod li ma jheddux is-saħħa tan-nies jew jagħmlu ħsara fl-ambjent.

## Skart mill-Kostruzzjoni

396. Għandu jkun hemm liġi li permezz tagħha żviluppaturi li jeskavaw iktar minn ammont stabilit jiġu ntaxxati;

397. Għandu jkun hemm maħżen li minnu jgħaddi l-iskart tal-kostruzzjoni sabiex dan ikun jista' jiġi riċiklat u jerġa' jintuża.

398. AD ma taqbilx ma' *land reclamation* għax din hi soluzzjoni ta' malajr li tpoġġi f'periklu serju l-ambjent tal-baħar.

399. Il-prinċipju ta' prudenza għandu jsaltan f'kull deċiżjoni f'dan il-qasam b'mod illi ma jittiħdux riskji bis-saħħa tan-nies u lanqas ma jitgħabbew bil-piż ta' l-iżbalji tagħna dawk li jiġu warajna. L-inċineraturi, ukoll l-iżjed moderni, mhumiex soluzzjoni aċċettabbli peress li jerħu dħaħen li jġibu l-mard u joħolqu fdalijiet tossiċi li jispiċċaw fil-miżbliet. F'pajjiż żgħir bħal tagħna, l-impatt fuq is-saħħa tan-nies ta' dawn l-impjanti jkun diżastruż. Għalhekk kull strateġija għall-immaniġġjar ta' l-iskart għandu jkollha l-mira ċara li l-ħruq ta' l-iskart ma jkunx ikkunsidrat bħala soluzzjoni.

## Rijabilitazzjoni tal-Miżbliet

Il-miżbliet tal-Magħtab, Wied Fulija u Tal-Qortin għandhom jiġu 'capped' u rijabilitati ħalli jinstab użu alternattiv għal dawn is-siti.

## Tisfija tad-Drenaġġ

400. Id-drenaġġ qed jispiċċa biex inniġġeż wieħed mill-akbar riżorsi li għandna f'Malta, jiġifieri l-baħar. Din hi sitwazzjoni ntollerabli. Wasal iż-żmien li permezz ta' l-għajnuna mill-Unjoni Ewropea u fondi oħra jsir investiment fit-tisfija tad-drenaġġ mill-aktar fis possibbli.

## Turiżmu

Il-kejl tat-turiżmu li rridu ma jistax jiddependi biss fuq l-impatt pożittiv fuq l-ekonomija, imma wkoll fuq il-livell ta' sostenibbilta` tiegħu li jġib 'l quddiem il-kwalita` tal-ħajja tagħna u l-fattizzi kulturali li huwa mżejjen bihom pajjiżna. Iż-żewġ aspetti jmorru id f'id. Ma nistgħux niġbdu turisti f'lukandi ta' ħames stilel jekk il-kumplament tal-pajjiż joffri ambjent inferjuri. Għalhekk l-akbar investiment fit-turiżmu hu l-ħarsien ta' l-ambjent li minnu jgawdu l-Maltin ukoll.

401. M'għandniex inħarsu biss lejn l-ammont ta' turisti li jżuruna. Għandu jinbeda studju fuq *sustainibility indicators* biex ikun magħruf pajjiżna x'volum u x'tip ta' turist jiflaħ. Għandna nippruvaw nattiraw tipi ta' turisti ta' kwalita` li jonfqu aktar u li jagħmlu l-anqas ħsara lill-ambjent, mifruxa fuq iktar xhur matul is-sena.

402. Ma jagħmilx sens li filwaqt li għandna ħafna iktar sodod milli għandna turisti nibqgħu nibnu lukandi ġodda biex naġevolaw l-industrija tal-kostruzzjoni. Dan bil-konsegwenza li ħafna lukandi ma jistgħux jiġġeneraw flus biżżejjed biex jinżammu fi stat aċċettabbli u kompettittiv. Għaldaqstant, għandu jsir *moratorium* fuq bini ta' lukandi ġodda, filwaqt li dawk eżistenti jibqgħu jiġu *upgraded* biex jagħtu l-aħjar servizz possibbli. Dawn il-lukandi għandhom jintalbu biex jistallaw sistemi ta' enerġija solari, u sistema ta' riċiklaġġ ta' l-ilma biex jonqos l-impatt negattiv ta' l-industrija fuq l-ambjent Malti.

403. Għandhom jinħolqu inċentivi biex djar mhux użati li jinsabu fil-qalba ta' l-irħula tagħna, jintużaw għal skop turistiku. Dan biex jinfirex it-turiżmu ma' Malta u Għawdex kollu u mhux jibqa' konċentrat f'żoni partikolari. B'dan il-mod il-ġid maħluq mit-turiżmu jinfirex ma' Malta u Għawdex kollu.

404. Għandu jisaħħaħ it-turiżmu speċjalizzat b'mod partikolari fix-xhur tax-xitwa. Malta għandha tiġi riklamata bħala destinazzjoni għal turiżmu relatat ma' *sports*, kultura, arti, kunċerti mużikali ta' stili differenti, *festivals* ċinematografiċi, attivitajiet Mediterranji, *museums circuits,* agro-turiżmu, eko-turiżmu u turiżmu li jappella għal oqsma speċjalizzati.

Malta trid taċċetta l-limitazzjonijiet tagħha frott iċ-ċokon tal-gżejjer tagħna, il-klima, kif ukoll id-densita` ta' popolazzjoni għolja li għandna. Ftit jagħmel sens li pajjiżna jipprova jikkopja lil pajjiżi oħra. Politika turistika li tittanta tagħmel dan, tirrendi l-prodott tagħna xejn iktar minn imitazzjoni limitata u mqanżħa li tispiċċa tkompli tgħaddas it-tiġieġa li tbidilna l-bajda tad-deheb. Politika bħal din tneżża' 'l pajjiżna minn dak li jagħmlu uniku, b'detriment mhux biss għalina imma ukoll għall-andament sostenibbli ta' l-industrija tat-turiżmu f'Malta. F'dan il-kuntest, Alternattiva Demokratika taħdem favur:

405. Il-promozzjoni ta' prodott turistiku li jagħti każ tal-karatteristiċi tal-gżejjer tagħna. Fl-istess waqt, topponi kwalunkwe proposta ta' żvilupp ta' korsa tal-golf fil-gżejjer Maltin. Din il-pożizzjoni hija iktar minn ġustifikabbli meta tqis (a) l-ammont enormi ta' art li bilfors trid tibla' korsa tal-golf; (b) li korsa tal-golf waħda mhijiex biżżejjed biex tattira dilettanti ta' din il-logħba u allura l-impatt ta' żvilupp f'din id-direzzjoni ikun ġigantesk; (ċ) li żvilupp bħal dan juża ammonti enormi ta' ilma f'pajjiż karatterizzat minn nixfa kbira (inqas minn 250mm xita f'sena, li f'pajjiżi oħra jaqgħu fi ftit jiem); (d) l-ammont ta' pestiċidi li jkollhom jintużaw biex tinżamm tip ta' ħaxixa waħda fuq il-korsa tal-golf, li jiżboq bil-kbir l-ammont u anke t-tip ta' pestiċidi li qatt tista' tuża l-agrikoltura b'periklu għall-ilma, l-arja u l-baħar, fost raġunijiet oħra. Ħarsitna għandha timraħ lejn prodott turistiku kreattiv u fl-istess waqt addattat għal pajjiżna.

406. L-ivjaġġar bil-baħar għandu jiġi mħeġġeġ. Il-kunċett ta' Malta bħala destinazzjoni għall-*Cruise Liners* għandha tingħata spinta akbar.

407. Għawdex għandu jiġi reklamat għal turiżmu speċjalizzat, u jsir sforz biex tingħata spinta lill-agro-turiżmu. Dan jista' jsir bl-użu ta' *farmhouses* u djar ta' karattru għal skopijiet turistiċi.

408. L-impatt negattiv mit-turiżmu għandu jitnaqqas u jiġi rrimedjat billi ma jkunx hawn aktar *beach concessions.* L-iżvilupp ta' *yacht marinas* joħloq tniġġiż fil-baħar u għandu jkun ristrett f'portijiet li huma konnessi ma' dan is-settur.

409. L-impjegati fis-settur tat-turiżmu għandu jkollhom drittijiet bħal ħaddiema l-oħra u m'għandux ikun hemm impjieg ta' tfal taħt l-eta`.

410. L-Istitut għall-Istudji Turistiċi għandu jiġi msaħħaħ skond *standards* internazzjonali rikonoxxuti.

## Safar

411. Alternattiva Demokratika hija kontra t-taxxa eżaġerata fuq dawk l-Għawdxin u Maltin li jkunu ser isiefru għax temmen li s-safar hu divertiment pożittiv li jiftaħ orizzonti ġodda lilhinn mil-limitazzjonijiet taċ-ċokon ta' pajjiżna.

412. Iċ-*charter flights* għandhom ikunu miftuħa għall-Maltin.

413. Għandu jkun hemm regolarizzazzjoni tat-*timeshare*. Dan m'għandux iservi bħala inkonvenjent għat-turisti li jżuruna.

## Trasport

Fis-settur tat-trasport Alternattiva Demokratika tagħti prijorita` assoluta lit-trasport publiku u d-drittijiet ta' min jimxi. In-numru ta' karrozzi f'Malta qed jiżdied b'mod allarmanti u dan qed iwassal għal aktar konġestjoni u tniġġiż.

414. Id-drittijiet ta' min jimxi għandhom jiġu mħarsa u għalhekk għandhom jiżdiedu ż-żoni pedonali speċjalment f'żoni kummerċjali u fiċ-ċentri ta' l-irħula u l-ibliet.

415. Għandha tiżdied l-aċċessibilita` tat-toroq tagħna għal persuni b'diżabilita`, anzjani u ġenituri bi tfal żgħar.

## Riforma fit-trasport pubbliku

416. Għandu jkun hemm liberalizzazzjoni fis-settur tat-trasport pubbliku.

417. Fl-istess ħin l-istat għandu jipprovdi servizz xieraq li jaqdi l-ħtiġijiet tal-pubbliku f'dak li għandu x'jaqsam ma' rotot, frekwenza u ħinijiet. Dan għandu jipprovdi servizz kontinwu lejn kull lokalita` sal-11.00 pm. Għandu jkun hemm ukoll servizz bażiku matul il-lejl lejn lokalitajiet prinċipali.

418. Il-karrozzi tal-linja għandhom jużaw *fuel* nadif bħal metan.

419. Servizzi speċjali ta' karozzi tal-linja lejn postijiet fil-kampanja fix-xitwa u lejn ix-xtajtiet popolari fis-sajf għandhom jiġu mtejba.

420. Is-sistema ta' *connection terminus* wieħed fil-Belt Valletta m'għadhiex addattata għall-ħtiġijiet ta' llum. Għandu jkun hemm sistema organizzata b'diversi ċentri.

421. F'kull *connection terminus* għandu jkun hemm tabelli li mhux biss jindikaw in-numri tal-karrozza iżda wkoll il-ħinijiet ta' meta suppost jitilqu u jaslu l-karozzi tal-linja. F'kull ċentru għandu jkun hemm kenn għal min ikun qed jistenna.

422. F'kull *connection terminus* għandu jkun hemm ċentru ta' informazzjoni li jkun wkoll il-post fejn wieħed ikun jista' jressaq l-ilmenti. Għandu jkun hemm faċilitajiet sura biex is-sewwieqa jkunu jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom u jistrieħu

bejn il-vjaġġi. F'kull *bus shelter* għandu jkun hemm tabelli li jindikaw il-ħinijiet u n-numri tal-karozzi tal-linja li suppost jgħaddu minn ħdejh.

423. Għandu jsir pjan komprensiv dwar trasport fil-portijiet permezz ta' laneċ. Dan il-proġett m'għandux ikun limitat għall-port il-kbir biss. Sabiex dan il-proġett jirnexxi għandu jsir xogħol infrastrutturali biex jiffaċilita dan it-tip ta' trasport.

424. Is-servizz tat-taxis għandu jiġi kompletament liberalizzat. Kull min japplika għal-liċenzja u jissodisfa kriterji bażiċi ta' sigurta`, kumdita`, kondotta u livell ta' ospitalita` aċċettabbli, għandu jingħata l-permess biex jopera.

## Parking u toroq

425. Biex titnaqqas il-konġestjoni fit-traffiku għandu jkun hemm aktar skemi ta' *park and ride*.

426. Għandha tingħata prijorita` lir-residenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' parkeġġ ta' karrozzi.

427. Fejn hemm toroq wisgħin biżżejjed għandhom jiżdiedu l-*bus lanes*.

## Toroq

Waqt li tenfasizza t-trasport pubbliku, Alternattiva Demokratika taħdem biex isir titjib fl-istat u fis-sigurta` tat-toroq Maltin.

428. Għandu jsir proċess ta' razzjonalizazzjoni tat-toroq b'mod li jinbnew skond is-sengħa u jinżammu tajjeb. B'hekk ma jkomplix l-isparpaljar ta' flus fil-kisi ta' toroq. Dan il-proċess ta' razzjonalizazzjoni għandu jinkludi *sign posting* u dawl adekwat.

429. Toroq ġodda għandhom jinbnew b'mod li l-ilma tax-xita jkun jista' jinġabar.

430. Fejn isir żvilupp ta' bini ġdid, l-ewwel għandu jsir ix-xogħol infrastrutturali bħal bini ta' toroq.

431. It-taxxa fuq reġistrazzjoni tal-vetturi u l-flus mil-liċenzji għandhom jiġu ipotekati f'fond li jintuża esklussivament għal xogħol infrastrutturali.

432. Għandha tiddaħħal sistema ta' kontroll fuq il-piż tat-trakkijiet biex ma ssirx il-ħsara li saret dawn l-aħħar snin lit-toroq.

## Karozzi

433. Il-VRT għandha tinkludi testijiet fuq l-*exhaust* u storbju.

434. L-użu tal-petrol biċ-ċomb għandu jispiċċa minnufih.

435. L-użu ta'vetturi alternattivi għandu jiġi mħeġġeġ permezz ta'miżuri fiskali. Ngħidu aħna, għandu jkun hemm eżenzjoni jew tnaqqis fit-taxxi fuq muturi taħt 125 cc u karrozzi ta' l-elettriku. Dan jinkludi wkoll karozzi tal-linja.

436. L-*EU Compliance Certificate* m'għandhiex tibda tgħodd biss għal vetturi ġodda, imma għal vetturi impurtati *second hand* ukoll.

437. Kull taxxa fuq roti għandha titneħħa u għandu jkun hemm *bike lanes* kull fejn hu possibbli.

## Awtorita Marittima

Huwa tajjeb li Malta jkollha flotta kbira iżda dan m'għandux jinkiseb b'mezzi li jipperikolaw il-ħajja tan-nies u l-ambjent tagħna u ta' pajjiżi oħra minħabba nuqqas ta' nforzar ta' *standards*. Jekk dawn l-i*standards* ma jinżammux, ir-reputazzjoni internazzjonali ta'Malta f'dan is-settur se tkompli tmur lura.

438. L-Awtorita` Marittima għandha timmoniterja l-indafa, s-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xtajtiet u l-bajjiet pubbliċi u l-użu ta' *power boats* u *jet skis*.

## Unjoni Ewropea

Alternattiva Demokratika tagħraf li l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea wassal biex titwarrab it-theddida ta' gwerra mill-kontinent Ewropew. Tagħraf ukoll il-kisbiet politiċi, ekonomiċi u soċjali ta' pajjiżna mill-Indipendenza 'l hawn u ssostni li fil-kuntest ta' globalizazzjoni dawn il-kisbiet jiġu msaħħa permezz ta' sħubija fl-Unjoni Ewropea. Alternattiva Demokratika tirrikonoxxi wkoll li l-Unjoni Ewropea żviluppat minn għaqda purament kummerċjali għal waħda li tenfasizza wkoll id-drittijiet umani, id-drittijiet soċjali u l-ħarsien ta' l-ambjent. Bħala waħda mill-fundaturi tal-Federazzjoni tal-Partiti Ħodor Ewropej, Alternattiva Demokratika ilha s-snin involuta f'dan il-proċess pożittiv. Għalhekk nawguraw li pajjiżna jissieħeb f'dan il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea.

## Għaliex favur?

Alternattiva Demokratika hija favur is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea għax dan il-pass iwassal għal qabża fil-kwalita` tal-ħajja tal-poplu Malti. Alternattiva Demokratika tirrikonoxxi l-importanza tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea li ġiet approvata f'Nizza. Għalkemm ma ninsabux sodisfatti li din il-Karta ma torbotx legalment lill-pajjiżi msieħba, inqisu din il-Karta bħala l-ewwel pass lejn infurzar aktar sod tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem fl-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, naħdmu biex din il-karta jkollha *binding status* fit-trattat li joħroġ mill-konferenza intergovernattiva tas-sena 2004.

## Inqisu bħala pożittivi fl-Unjoni Ewropea:

a. *Id-drittijiet tal-bniedem:* Sħubija fl-Unjoni Ewropea hi garanzija għad-drittijiet tal-bniedem speċjalment dawk tal-minoranzi. Din il-garanzija tiżgura li l-ebda gvern lokali ma jkun jista' jirfes fuq dawn id-drittijiet.

b. *Id-drittijiet soċjali*: Waqt li nirrikonoxxu l-fatt li Malta għandha *welfare state* avvanzat, inħossu li permezz ta' l-implimentazzjoni tal-Karta Soċjali Ewropea u ta' bosta direttivi li jħarsu d-drittijiet tal-ħaddiema, il-qafas lokali ta' ħarsien soċjali jisaħħaħ b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol.

ċ. *Ugwaljanza bejn iċ-ċittadini*: L-Unjoni Ewropea tenfasizza l-ħtieġa għal trattament ugwali bejn iċ-ċittadini ta' l-istati membri fuq il-post tax-xogħol u f'kull qasam ieħor tal-ħajja, bla ebda distinzjoni ta' sess, nazzjonalita`, twemmin, razza, orjentament sesswali, eċċ.

d. *Drittijiet tal-konsumatur*: L-Unjoni Ewropea għandha regoli ċari dwar il-kwalita` ta' l-ikel u dan iwassal biex is-saħħa tal-konsumatur titħares aktar. Hemm regoli oħra li jħarsu lill-konsumatur fil-konfront ta' min jipproduċi u min ibiegħ prodotti u servizzi.

e. *Il-ħarsien ta' l-ambjent*: L-Unjoni Ewropea, permezz tar-regolamenti effettivi tagħha, tħares liċ-ċittadin mit-tniġġiż ta' l-arja, ta' l-ilma u minn diversi forom oħra ta' tniġġiż. L-Unjoni Ewropea għandha regoli li jrażżnu żvilupp insostenibbli u jħarsu l-biodiversita` fil-pajjiżi membri.

f. *Kaċċa*: Malta għandha taderixxi b'mod sħiħ għall- *Bird Directive* u l-*Habitat Directive* ta' l-Unjoni Ewropea inkluż li tispiċċa l-kaċċa fir-rebbiegħa.

*g. Kultura*: L-Unjoni Ewropea ssaħħaħ l-identitajiet kulturali tal-komunitajiet li jsawruha. Sħubija fl-Unjoni Ewropea twassal għal anqas iżolament u għal aktar kuntatt ma' kulturi differenti. Għalina, li nemmnu f'soċjeta` multikulturali, dan hu proċess pożittiv, għax isaħħaħ l-għaqda waqt li jseddaq id-diversita`.

*ħ. Edukazzjoni*: L-Unjoni Ewropea tipprovdi opportunitajiet varji ta' taħriġ permezz ta' skemi edukattivi fuq livell Ewropew. Sħubija fl-Unjoni Ewropea twassal biex ċittadini Maltin igawdu mill-istess opportunitajiet edukattivi ta' ċittadini ta' pajjiżi oħra Ewropej meta jkunu residenti f'pajjiżi membri. Huma jkunu jistgħu jinkitbu f'istituzzjonijiet ta' taħriġ bl-istess mod ta' ċittadini oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

*i. Demokrazija*: Alternattiva Demokratika tinnota li kull pajjiż fl-Unjoni Ewropea iħaddan demokrazija parlamentari b'aktar minn tliet partiti. Dan iwassal biex tiżdied il-pressjoni biex Malta ttejjeb is-sistema elettorali tagħha.

*j. Soċjeta` Ċivili*: L-Unjoni Ewropea tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tas-soċjeta` ċivili b'mod partikolari tal-*NGO*s u movimenti soċjali bħal għaqdiet tal-konsumatur, għaqdiet ambjentali, u *trade unions* fil-proċess tat-tehid tad-deċiżjonijiet. Dawn l-NGOs u movimenti soċjali jibdew igawdu minn diversi proġetti fl-Unjoni Ewropea. Sħubija fl-Unjoni Ewropea tqarreb movimenti soċjali lokali ma dawk Ewropej u b'hekk issaħħaħ il-vuċi tagħhom lokalment u internazzjonalment.

*k. Ekonomija*: Huwa fatt li minkejja diffikultajiet ta' adattament li tista' ġġib magħha ekonomija bla fruntieri, ir-ristrutturar tal-ekonomija lokali hu proċess bżonnjuż u inevitabbli u dwar dan jeżisti konsensus nazzjonali. Jekk Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea, nkunu eliġibbli għall-fondi u għajnuna teknika li jagħmlu dan il-proċess anqas kiefer. Apparti dan, Malta jkollha aċċess ikbar

għas-swieq fi ħdan l-Unjoni, filwaqt li l-ekonomija Maltija tkun iktar kredibbli kemm għal fini ta' investiment, kif ukoll għal fini ta' esportazzjoni.

*l.* Sħubija fl-Unjoni Ewropea tiżgura wkoll li r-ristrutturar ta' l-ekonomija jsir fil-parametri ta' l-i*standards* soċjali u ambjentali Ewropej. L-għażla li Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea tfisser li jkun spiċċa darba għal dejjem iż-żmien ta' meta konna nservu bħala *dumping ground* għal investiment ibbażat fuq *cheap labour* u *standards* baxxi.

Għalkemm Alternattiva Demokratika hi favur is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, Alternattiva Demokratika hija kritika lejn diversi aspetti tagħha:

439. *Politika Barranija*: Malta għandha tibqa' pajjiż kostituzzjonalment newtrali u mingħajr bażijiet militari. B'newtralita' ma nifmhux passivita' quddiem l-inġustizzji u d-diżgrazzji umanitarji fid-dinja iżda ċaħda tal-loġika tal-blokki militari. Fl-Unjoni Ewropea diġa` jeżistu bosta pajjiżi newtrali li jinkludu l-Isvezja, l-Irlanda, il-Finlandja u l-Awstrija.

440. Alternattiva Demokratika, flimkien mal-Partiti Ħodor Ewropej, topponi l-militarizzazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. Il-politika barranija u ta' difiża ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkun waħda li sservi bħala strument ta' paċi u ta' solidarjeta` attiva fost il-ġnus.

441. Alternattiva Demokratika hi favur ir-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni ta' Malta fir-*Rapid Reaction Force* ta' l-Unjoni Ewropea għal waħda non-militari f'oqsma bħal għajnuna umanitarja, *search and rescue*, prevenzjoni tal-kunflitti u *civilian crisis management*.

442. Alternattiva Demokratika tappoġġja l-isforzi tal-Partiti tal-*Greens* Ewropej biex jitwaqqfu istituti għat-taħriġ ta' negozjaturi tal-paċi u ċentri ta' studji għall-identifikazzjoni ta' għejun ta' kunflitti. Malta, minħabba l-pożizzjoni ġeo-politika tagħha u l-istatus newtrali li tħaddan, għandha vokazzjoni partikolari f'dan il-qasam.

443. Rigward ir-riformi istituzzjonali fl-Unjoni Ewropea, Malta għandu jkollha rappreżentanza kemm jista' jkun wiesgħa fil-qafas isitituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea. Sabiex dan il-għan jintlaħaq huwa pożittiv li Malta ġiet imwiegħda Kummissjonarju tagħha fil-Kummissjoni Ewropea, u tkompli taħdem biex Malta tigħata rappreżentanza ikbar fil-Parlament Ewropew indaqs mal-Lussemburgu.

444. Alternattiva Demokratika flimkien mal-Partiti *Greens* Ewropej tinsisti biex jissaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment il-Parlament Ewropew li hu direttament elett miċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

445. AD taħdem mal-Partiti tal-Greens għal bidla radikali fil-politika agrikola ta' l-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea għandha tirrikonoxxi l-importanza kulturali, soċjali u ambjentali ta' l-agrikoltura f'Malta. Alternattiva Demokratika flimkien mal-partiti tal-Greens l-oħra, ser tkompli taħdem sabiex l-Unjoni Ewropea tagħraf aktar l-importanza tal-bdiewa żgħar. Fl-istess ħin, naħdmu biex tinbidel il-politika preżenti tas-sussidji li qed twassal biex ikun hemm ħela kbira ta' ikel f'dinja li fiha miljuni jmutu bil-ġuħ. Aħna nipprivileġġjaw politika li tiffavorixxi l-iżvilupp rurali u l-ħarsien tal-kampanja u l-pajsaġġ kif ukoll id-drittjiet ta' l-annimali u sostenibilta` agrikola.

## Konklużjoni

1. Alternattiva Demokratika taqbel ma' sħubija sħiħa ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Inħossu li fid-dawl tal-globalizazzjoni l-aħjar triq għal Malta hi li tkun membru f'għaqda li għandha qafas soċjali u ambjentali u mhux biss ekonomiku.

2. It-triq ta' l-iżolament tista' tfisser li Malta ssofri l-konsegwenzi ekonomiċi frott ta' globalizazzjoni u, biex tibqa' kompetittiva, tispiċċa biex tissagrifika l-oqsma soċjali u ambjentali.

3. Alternattiva Demokratika, permezz tar-rabtiet tagħha mal-Partiti Ħodor Ewropej, kienet, għadha u tibqa' attiva fit-tisħiħ tal-ġustizzja soċjali u l-ħarsien ambjentali fl-Unjoni Ewropea.